

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 390/2013

tat-3 ta' Mejju 2013

li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas)⁽¹⁾ kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 11,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 jistipula li għandha titwaqqaf skema ta' twettiq (prestazzjoni) għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk. Għall-funzjonament dettaljat tal-iskema ta' prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta regoli ta' implimentazzjoni.
- (2) L-iskema ta' prestazzjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tas-sistema tat-trasport bl-ajru billi ttejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fl-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin tas-sikurezza, tal-ambjent, tal-kapaċità u tal-kosteffiċjenza, konsistentement ma' dawk identifikati fil-Qafas ta' Prestazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet ewlenin tas-sikurezza.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz)⁽³⁾ kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 jipprovdi għall-istabbiliment ta' skema għat-talbiet għall-ħlas (skema ta' imposti) u ta' proġetti komuni għall-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM (European ATM Master Plan). Kemm

l-iskema ta' imposti kif ukoll il-proġetti komuni huma integrali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-iskema ta' prestazzjoni.

- (4) Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, dan ir-Regolament għandu japplika għall-funzjonijiet tan-netwerk ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) li jissemmew fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja)⁽⁴⁾ kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009.
- (5) Il-Kummissjoni tista' tiġi megħjuna fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni minn Korp li jirrevedi l-Prestazzjoni. Dan il-korp għandu jkun jista' jagħti parir indipendenti lill-Kummissjoni fl-oqsma kollha li jinfluenzaw il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u l-funzjonijiet tan-netwerk.
- (6) Minħabba l-fatt li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun f'pożizzjoni li jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom b'mod effettiv.
- (7) Sabiex jiggarantixxu titjib fit-tul għall-għanijiet tas-soċjeta' ta' livell għoli kif riflessi fil-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, l-iskema ta' Prestazzjoni għandha titħaddem b'perspettiva li tmur lil hinn minn perjodu ta' referenza uniku.
- (8) L-iskema ta' prestazzjoni għandha tindirizza s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru b'approċċ ta' gate-to-gate, inklużi servizzi *en route* u servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fit-terminal bil-għan tat-titjib fil-prestazzjoni globali tan-netwerk.
- (9) L-iskema ta' prestazzjoni għandha ttipprovdi għal indikaturi u għal miri vinkolanti fl-oqsma kollha tal-prestazzjoni bil-livelli tas-sikurezza kollha miksuba bis-sħiħ u miżmuma.

⁽¹⁾ ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10.⁽⁴⁾ ĠU L L 96, 31.3.2004, p. 20.

- (10) Meta tadotta miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għal perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod dovut il-livell ta' prestazzjoni miksuba fil-perjodu/i ta' referenza ta' qabel.
- (11) Minħabba r-rabtiet qawwija bejn l-oqsma differenti ewlenin ta' prestazzjoni, l-elementi interdependenti bejn il-miri ta' prestazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati kif dovut fit-tnejn u fil-monitoraġġ tal-iskema ta' prestazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet predominanti tas-sikurezza.
- (12) Għandhom jiġu stabbiliti pjanijiet ta' prestazzjoni fil-livell tal-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali li juru, għal raġunijiet ta' trasparenza, il-kontribut ta' kull fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fi ħdan blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali għall-ilħuq tal-miri, li jiġu mmonitorjati għal raġunijiet ta' trasparenza fl-aktar livell xieraq.
- (13) Il-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom jiddeskrivu l-miżuri, bħal skemi ta' inċentivi, li jkunu mmirati għall-partijiet interessati sabiex itejbu l-prestazzjoni fil-livelli kollha. Minħabba n-natura predominanti tagħha, is-sikurezza ma għandhiex tkun soġġetta għal inċentivi.
- (14) Sabiex jinstemgħu l-opinjoni tal-partijiet interessati, għandhom isiru konsultazzjonijiet effettivi fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali u f'dak tal-Unjoni.
- (15) F'ċirkostanzi mhux prevedibbli fil-mument tal-adozzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, u li huma kemm insuperabbli kif ukoll lil hinn mill-kontroll tal-Istati Membri u entitajiet soġġetti għall-miri ta' prestazzjoni, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi xierqa tal-allert għandu jippermetti l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet xierqa mmirati sabiex jippreservaw ir-rekwiżiti ta' sikurezza kif ukoll il-kontinwità fil-provvista ta' servizz, li jistgħu jinkludu r-reviżjoni tal-miri ta' prestazzjoni fl-Unjoni kollha jew dawk lokali.
- (16) Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn iċ-ċivil u l-militar huma tal-ikbar importanza sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-iskema ta' prestazzjoni, filwaqt li titqies kif xieraq l-effettività tal-missjonijiet militari.
- (17) L-iskema ta' prestazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 immirati sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi essenzjali tas-sikurezza jew tal-politika tad-difiża.
- (18) Għandhom jintagħżlu indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin li huma speċifiċi u li jistgħu jitkejlu, u li fuq il-bażi tagħhom tista' tiġi assenjata responsabbiltà għall-kisba tal-miri ta' prestazzjoni. Il-miri assoċjati għandhom ikunu jistgħu jintlaħqu, realistiki u f'waqthom u għandu jkollhom l-għan li jidderieġu effettivament il-prestazzjoni sostenibbli tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru.
- (19) L-implimentazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni vinkolanti appoġġjata minn inċentivi ta' natura finanzjarja tesiġi konnessjoni xierqa mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 391/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru⁽¹⁾.
- (20) L-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin u tal-miri tal-prestazzjoni għandhom ikunu stabbiliti u implimentati f'konformità mal-għanijiet tas-sikurezza u mal-istandards stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu flimkien mal-miżuri meħuda mill-Unjoni sabiex dawn l-għanijiet jinkisbu u jinżammu.
- (21) Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-pjanijiet u l-miri ta' prestazzjoni u għandha tistabbilixxi l-konsistenza tagħhom mal-miri għall-Unjoni kollha u mal-prestazzjoni globali tan-netwerk Ewropew tal-ATM, u l-kontribut adegwat tagħhom għalihom. Jekk din il-konsistenza u l-kontribut adegwat ma jstgħux jiġu stabbiliti, il-Kummissjoni għandha titlob li l-pjan/ijiet u l-mira/i ta' prestazzjoni jiġu riveduti u/jew li jittieħdu miżuri korrettivi.
- (22) Matul il-perjodi ta' referenza għandu jiddaħħal proċess effettiv ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni, inkluż il-għbir u t-tixrid tad-dejta, sabiex jiġi żgurat li l-evoluzzjoni tal-prestazzjoni tagħti l-possibbiltà li jintlaħqu l-miri u, jekk ikun meħtieġ, li jiġu introdotti miżuri korrettivi.
- (23) Meta, fuq il-bażi tar-risultati tal-monitoraġġ, il-Kummissjoni jkollha evidenza sostanzjali li d-dejta, is-suppożizzjonijiet u r-raġunijiet fundamentali oriġinali li ffurmaw il-bażi għall-iffissar tal-miri inizjali ma għadhomx validi, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrivedi l-miri tal-prestazzjoni fl-Unjoni jew tippermetti, fuq it-talba ta' Stat Membru, li l-miri lokali jistgħu jiġu riveduti.
- (24) L-esekuzzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk għandha tkun soġġetta għal miri ta' prestazzjoni. Għalhekk dan ir-Regolament għandu japplika għall-Maniġer tan-Netzwerk stabbilit skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 tas-7 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2010⁽³⁾. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 677/2011 għandu jiġi emendat skont dan.
- (25) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2010 tad-29 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2096/2005 li jistipula rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru⁽⁴⁾, l-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1216/2011 tal-24 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2010 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk⁽⁵⁾, għandhom jiġu mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.
- (26) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

⁽²⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 185, 15.7.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 201, 3.8.2010, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 310, 25.11.2011, p. 3.

⁽¹⁾ Ara paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u tal-funzjonijiet tan-netwerk għat-traffiku tal-ajru ġenerali fir-reġjuni EUR u AFI tal-ICAO fejn l-Istati Membri huma responsabbli għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-utenti kollha tal-ispazju tal-ajru.

2. Għall-fini tal-iffissar tal-miri u tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni, dan ir-Regolament għandu japplika għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru pprovduti:

- (a) mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru nnominati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004;
- (b) mill-fornituri ta' servizzi meteoroloġiċi, jekk huma maħtura skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004;
- (c) mill-Maniġer tan-Netwerk stabbilit skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011.

Dan għandu japplika wkoll għall-fini tal-iffissar tal-miri u tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni dwar il-kosteffiċjenza lill-awtoritajiet jew lill-entitajiet li jġarrbu l-ispejjeż eliġibbli li għandhom rkuprati permezz ta' ħlasijiet fuq l-utenti, kif speċifikat fl-Artikolu 15(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 u l-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-Istati Membri jiġu jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan ir-Regolament għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fit-terminal ipprovduti fl-ajruporti kollha tagħhom jew uħud minnhom b'inqas minn 70 000 moviment tat-trasport bl-ajru bl-IFR fis-sena. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont dan.

4. Fejn l-ebda ajruport fi Stat Membru ma jilħaq il-limitu ta' 70 000 moviment tat-trasport bl-ajru bl-IFR fis-sena, il-miri ta' prestazzjoni għandhom japplikaw bħala livell minimu għall-ajruport bl-ikbar numru ta' movimenti tat-trasport bl-ajru bl-IFR.

5. L-iffissar tal-miri għall-kosteffiċjenza għandhom japplikaw għall-ispejjeż iddeterminati stabbiliti fl-Artikolu 15(2)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004.

6. L-Istati Membri jistgħu wkoll japplikaw dan ir-Regolament:

- (a) fl-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tagħhom freġjuni oħrajn tal-ICAO, sakemm jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan, u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għad-dmirijiet tal-Istati Membri skont il-

Konvenzjoni ta' Chicago tal-1944 dwar l-avjazzjoni ċivili internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago");

- (b) fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru li rċevew il-permess biex jipprovdwu servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru mingħajr ċertifikazzjoni, skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004.

7. Minkejja d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni tad-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tiegħu r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 ⁽²⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1330/2007 ⁽³⁾, ir-rekwiżiti relatati mal-għoti ta' dejta kif definiti fil-Kapitolu V għandhom japplikaw għall-awtoritajiet nazzjonali, għall-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, għall-operaturi tal-ajruporti, għall-koordinaturi tal-ajruporti u għat-trasportaturi tal-ajru.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

- (1) "operatur tal-ajruport" tfisser il-korp ta' ġestjoni ta' ajruport" li, flimkien ma' attivitajiet oħra jew mod ieħor, ikollu l-kompitu skont il-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali li jamministra u jmexxi l-faċilitajiet tal-ajruport u li jikkoodina u jikkontrolla l-attivitajiet tal-operaturi varji preżenti fl-ajruport jew fi ħdan is-sistema tal-ajruport konċernat;
- (2) "dejta" tfisser informazzjoni kwalitattiva, kwantitattiva u informazzjoni rilevanti oħra relatata mal-prestazzjoni tan-navigazzjoni tal-ajru li nġabret u ġiet sistematikament ipproċessata minn, jew fisem, il-Kummissjoni sabiex tkun implimentata l-iskema ta' prestazzjoni;
- (3) "indikaturi ta' prestazzjoni" tfisser l-indikaturi li ntużaw għall-monitoraġġ, għall-iffissar tal-livelli ta' referenza u għar-reviżjoni tal-prestazzjoni;
- (4) "indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin" tfisser l-indikaturi ta' prestazzjoni li ntużaw sabiex ikunu f'fissati l-miri ta' prestazzjoni;
- (5) "movimenti tat-trasport bl-ajru bl-IFR" tfisser is-somma ta' tluġ u ta' nżul imwettqa skont ir-regoli tat-titjir bl-istrumenti ikkalkulata bħala l-medja fis-sena fuq it-tliet snin kalendarji ta' qabel is-sottomissjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni;
- (6) "mira vinkolanti" tfisser mira ta' prestazzjoni li ġiet adottata mill-Istati Membri bħala parti minn pjan ta' prestazzjoni u soġġetta għal skema ta' inċentivi u/jew pjanijiet ta' azzjoni korrettivi;
- (7) "trasportatur tal-ajru" tfisser impriża tat-trasport bl-ajru b'liċenzja operattiva valida maħruġa minn Stat Membru skont il-Liġi tal-Unjoni Ewropea;
- (8) "spejjeż iddeterminati" tfisser l-ispejjeż kif ġew iddefiniti fl-Artikolu 15(2)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004;

⁽¹⁾ ĠU L 167, 4.7.2003, p. 23.

⁽²⁾ ĠU L 294, 13.11.2007, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 295, 14.11.2007, p. 7.

- (9) "awtorità nazzjonali" tfisser l-awtorità regolatorja u/jew superviżorja fil-livell nazzjonali jew tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru li l-ispejjeż tagħhom ikunu eliġibbli għall-irkupru mingħand l-utenti tal-ispazju tal-ajru meta jsiru b'rabta mal-provvista ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru b'applikazzjoni tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013;
- (10) "kultura ġusta" tfisser kultura fejn l-operaturi li jkunu fl-ewwel pożizzjoni jew oħrajn ma jiġux ikkastigati għal azzjonijiet, għal omissjonijiet jew għal deċiżjonijiet li jkunu hađu u li jkunu proporzjonali għall-esperjenza u għat-taħriġ tagħhom, imma fejn negliġenza serja, vjolazzjonijiet volontarji u atti ta' qerda ma jkunux ittollerati;
- (11) "koordinatur tal-ajruport" tfisser il-persuna naturali jew legali maħtura minn Stat Membru biex twestaq id-dmirijiet ta' koordinazzjoni f'ajruporti kkoordinati stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokkazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità ⁽¹⁾;
- (12) "monitoraġġ tal-prestazzjoni" tfisser il-proċess kontinwu tal-ġbir u tal-analiżi tad-dejta sabiex jitkejjel ir-riżultat effettiv ta' sistema meta mqabbla mal-miri ta' prestazzjoni ewlenin u mal-pjanijiet ta' prestazzjoni rilevanti bl-użu tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin stabbiliti fl-Artikolu 9 u fl-Anness I;
- (13) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu ta' validità u l-applikazzjoni ta' miri ta' prestazzjoni fl-Unjoni kollha u tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 11(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004;
- (14) "inkursjoni fir-runway" tfisser kwalunkwe okkorrenza mhux korretta f'ajrudrom li tinvolvi l-preżenza ta' inġenju tal-ajru, ta' vettura jew ta' persuna fiż-żona protetta ta' superfiċje allokata għall-inżul u għat-tluġ ta' inġenji tal-ajru;
- (15) "unità ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru" (unità ATS) tfisser ċentru, ċivili jew militari responsabbli għall-forniment ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru;
- (16) "servizzi CNS, MET u AIS" tfisser servizzi ta' komunikazzjoni, ta' navigazzjoni u ta' sorveljanza, servizzi meteoroloġiċi tan-navigazzjoni tal-ajru u servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika;
- (17) "avveniment eċċezzjonali" tfisser ċirkostanzi li fihom il-kapaċità tal-ATM hija anormalment imnaqqa tant li l-livell tad-dewmien AFTM ikun għoli anormalment b'riżultat ta' limitazzjoni pjanata sfurzata minħabba xi bidla operattiva jew teknika, jew minħabba ċirkostanzi tat-temp avversi maġġuri, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' partijiet kbar tal-ispazju tal-ajru jew minħabba raġunijiet politiċi jew naturali, jew minħabba azzjoni industrijali, u l-attivazzjoni tal-EACCC mill-Maniġer tan-Netwerk b'riżultat ta' waħda jew aktar minn dawn il-kawżi;
- (18) "spejjeż ta' ristrutturar" tfisser spejjeż ta' darba sinifikanti mġarrba mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru waqt il-proċess tar-ristrutturar bl-introduzzjoni ta' teknoloġiji u ta' proċeduri ġodda u ta' mudelli tan-negozju assoċjati biex jistimolaw il-forniment ta' servizzi integrati fejn

l-Istat Membru jixtieq jirkupra l-ispejjeż f'perjodu ta' referenza wieħed jew aktar. Dawn jistgħu jinkludu l-ispejjeż imġarrba biex jikkumpensaw l-impjegati, l-għelqu taċ-ċentri tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, it-trasferiment ta' attivitajiet għal postijiet ġodda, u l-kanċellazzjoni ta' assi u/jew l-akkwist ta' parteċipazzjonijiet strateġiċi f'fornituri tan-navigazzjoni tal-ajru oħrajn.

Artikolu 3

Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni

1. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li taħtar Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni sabiex jgħinha fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni, it-tali ħaTRA għandha tkun għal terminu fiss li jkun konsistenti mal-perjodi ta' referenza. Il-Kummissjoni għandha taħtar il-President u l-membri tal-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni.
2. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jkollu l-kompetenza u l-imparzjalità xierqa sabiex iwettaq b'mod indipendenti l-kompiti assenjati lilu mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin applikabbli.
3. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jgħin lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta':
 - (a) il-ġbir, l-eżami, il-validazzjoni u t-tixrid tad-dejta relatata mal-prestazzjoni;
 - (b) id-definizzjoni jew l-adattament ta' oqsma ta' prestazzjoni ewlenin, b'konformità ma' dawk identifikati fil-Qafas ta' Prestazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM, kif imsemmi fl-Artikolu 9(1), u l-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin relatati;
 - (c) id-definizzjoni tal-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin xierqa li jkopru, fl-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin kollha, il-prestazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk u tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru kemm f'servizzi *en route* u tat-terminals;
 - (d) l-istabbiliment u r-reviżjoni ta' miri ta' prestazzjoni madwar l-Unjoni kollha;
 - (e) l-iffissar ta' limitu/i ta' twissija msemmija fl-Artikolu 10(4) għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmi tat-twissija stabbiliti fl-Artikolu 19;
 - (f) il-valutazzjoni tal-konsistenza tal-pjanijiet ta' prestazzjoni adottati, inklużi l-miri ta' prestazzjoni, mal-miri għall-Unjoni Ewropea kollha;
 - (g) fejn ikun xieraq, il-valutazzjoni tal-konsistenza tal-limiti ta' twissija adottati b'applikazzjoni tal-Artikolu 19(3) mal-limiti ta' twissija għall-Unjoni Ewropea kollha msemmija fl-Artikolu 10(4);
 - (h) fejn ikun xieraq, l-evalwazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni riveduti jew tal-miżuri korrettivi meħuda mill-Istati Membri kkonċernati;
 - (i) il-monitoraġġ, l-iffissar tal-livelli ta' referenza u r-reviżjoni tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru inkluż investment u nfiq kapitali, fil-livelli lokali u tal-Unjoni;
 - (j) il-monitoraġġ, l-iffissar tal-livelli ta' referenza u r-reviżjoni tal-prestazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk;

⁽¹⁾ ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1.

- (k) il-monitoraġġ tal-prestazzjoni ġenerali tan-netwerk Ewropew tal-ATM, inkluża l-preparazzjoni tar-rapporti annwali għall-Kumitat dwar l-Ajru Uniku;
- (l) il-valutazzjoni tal-kisba tal-miri ta' prestazzjoni fi tmiem kull perjodu ta' referenza sabiex ikun hemm thejjiġa għall-perjodu sussegwenti.
- (m) il-valutazzjoni tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Maniġer tan-Netwerk, inkluża l-konsistenza tiegħu mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha;
- (n) il-manutenzjoni u l-appoġġ fil-koordinazzjoni ta' kalendarju tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati dwar il-pjanijiet tal-prestazzjoni u l-kompiti ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013.
4. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jipprovdi informazzjoni jew rapporti *ad hoc* dwar kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni.
5. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni jista' jirrapporta u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni għat-titjib tal-iskema.
6. Rigward ir-relazzjonijiet mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali:
- (a) għall-għan tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni ġenerali tan-netwerk Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM), il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jikseb mingħand l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali l-informazzjoni meħtieġa rigward il-pjanijiet ta' prestazzjoni.
- (b) il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jgħin lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fuq it-talba tagħhom billi jipprovdi opinjoni indipendenti tal-kwistjonijiet ta' prestazzjoni bħal paraguni fattwali bejn il-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru li joperaw f'ambjenti simili (benchmarking), analiżi ta' bidliet fil-prestazzjoni matul l-aħħar ħames snin jew analiżi ta' projezzjonijiet.
- (c) l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jistgħu jitolbu l-għaj-nuna tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni fid-determinazzjoni ta' firxiet ta' valuri indikattivi għall-iffissar tal-miri billi jitqiesu l-miri għall-Unjoni kollha. Valuri bħal dawn għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, tal-operaturi tal-ajruporti u tal-utenti tal-ispazju tal-ajru.
7. Sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-għanijiet u mal-istandards stabbiliti u implimentati skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jikkoopera, kif inhu xieraq, mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) fit-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 3 meta dawn ikunu relatati mas-sikurezza.
8. Għall-fini tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni ġenerali tan-netwerk Ewropew għall-ATM, il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni għandu jiżviluppa arranġamenti ta' ħidma flimkien mal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, mal-operaturi tal-ajruporti, mal-koordinaturi tal-ajruporti u mat-trasportaturi tal-ajru.

Artikolu 4

Awtoritajiet superviżorji nazzjonali

1. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għat-tfassil tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, tas-sorveljanza tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ tal-pjanijiet u tal-miri ta'

prestazzjoni. Meta jwettqu dawn il-kompiti, huma għandhom jaġixxu b'mod imparzjali, indipendenti u trasparenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jkollhom, jew ikollhom aċċess, għar-riżorsi u għall-kapaċitajiet meħtieġa fl-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin kollha sabiex iwettqu l-kompiti pprovduti f'dan ir-Regolament, inklużi s-setgħat investigattivi sabiex iwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 20.

3. Fejn Stat Membru jkollu iktar minn awtorità superviżorja nazzjonali waħda, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni liema awtorità superviżorja nazzjonali hija responsabbli mill-koordinazzjoni nazzjonali u mir-relazzjonijiet mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet ta' prestazzjoni fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru.

2. Biex jikkonformaw mal-obbligu fil-paragrafu 1, l-Istati Membri:

- (a) għandhom jiżguraw li l-pjan ta' prestazzjoni jkun konformi mal-mudell stabbilit fl-Anness II;
- (b) għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtorità jew korp superviżorja nazzjonali responsabbli għall-koordinazzjoni fi ħdan il-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru u għar-relazzjonijiet mal-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' prestazzjoni
- (c) għandhom jagħmlu arranġamenti xierqa sabiex jiżguraw li:
- (i) soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-punt (e) u l-Anness I, tiġi stabbilita mira waħda għal kull indikatur ta' prestazzjoni ewlieni;
- (ii) għal raġunijiet ta' trasparenza, jiġi identifikat fil-pjan ta' prestazzjoni l-kontribut ta' kull fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fi ħdan il-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali, immonitorjat fil-livell l-aktar adatt, sabiex jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni ffissati għall-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru;
- (iii) jiġu ddefiniti u applikati l-miżuri msemmija fl-Artikolu 11(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 matul il-perjodu ta' referenza meta l-miri ma jkunux intlaħqu. Il-valuri annwali fil-pjan ta' prestazzjoni għandhom jintużaw għall-dan il-għan;

(d) għandhom ikunu responsabbli għall-istabbiliment u għall-kisba tal-miri ta' prestazzjoni stabbiliti fil-livelli lokali, jiġifieri tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, dak nazzjonali, u taż-żona tal-imposti u tal-ajruport;

(e) fejn ma tkun ġiet stabbilita l-ebda żona tal-imposti *en route* komuni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013, u fejn, bħala konsegwenza, il-miri għall-kosteffiċjenza *en route* huma stabbiliti għal aktar minn żona tal-imposti waħda fi ħdan il-blokk

tal-ispazju tal-ajru funzjonali, għandhom jikkonsolidaw dawn il-miri madwar valur uniku flivell aggregat għal servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* u jipprovdu, għal finijiet ta' informazzjoni, ċifra globali li turi l-isforz għall-kosteffiċjenza fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru;

- (f) fejn żona tal-imposti tkun modifikata matul perjodu ta' referenza, għandhom juru li din il-bidla xorta tippermetti l-miri ta' prestazzjoni adottati għall-perjodu li għandhom jintlaħqu;
- (g) għandhom jiżguraw li l-pjan ta' prestazzjoni huwa konsistenti mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 1(6) ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

Artikolu 6

Maniġer tan-Netzwerk

Il-Maniġer tan-Netzwerk stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 551/2004⁽¹⁾ u fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin b'rabta mal-iskema ta' prestazzjoni:

- (a) għandu jappoġġa lill-Kummissjoni billi jipprovdi input rilevanti għall-preparazzjoni ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha qabel il-perjodi ta' referenza u għall-monitoraġġ tal-ksib tal-miri ta' prestazzjoni matul il-perjodu ta' referenza. B'mod partikolari, il-Maniġer tan-Netzwerk għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal kwalunkwe nuqqas sinifikanti u persistenti fil-prestazzjoni operattiva;
- (b) skont l-Artikolu 21(5), għandu jipprovdi lill-Kummissjoni aċċess għad-dejta kollha elenkata fl-Anness V;
- (c) għandu jappoġġa l-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru u lill-fornituri tagħhom tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru biex jilhq u l-miri ta' prestazzjoni tagħhom waqt il-perjodi ta' referenza billi jiżgura l-konsistenza bejn il-pjanijiet ta' prestazzjoni, il-Pjan Strateġiku għan-Netzwerk u l-Pjan Operattiv tan-Netzwerk;
- (d) għandu jfassal pjan ta' prestazzjoni, il-pjan ta' Prestazzjoni għan-Netzwerk, skont l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 677/2011, li għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur qabel il-bidu ta' kull perjodu ta' referenza u adottat mill-Kummissjoni qabel il-bidu ta' kull perjodu ta' referenza. Dan il-pjan ta' prestazzjoni għandu jkun pubbliku u:
- (i) għandu jkun fih miri ta' prestazzjoni għall-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin kollha u għall-indikaturi kollha, konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-perjodu ta' referenza kollu, bl-użu ta' valuri annwali għal skopijiet ta' monitoraġġ;
- (ii) għandu jkun fih deskrizzjoni tal-azzjonijiet immirati biex jilhq u l-miri;
- (iii) għandu jkun fih, fejn ikun meħtieġ jew fejn ikun deċiż mill-Kummissjoni, indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u miri addizzjonali.

Artikolu 7

Koordinazzjoni mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)

B'applikazzjoni tal-Artikolu 13a tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 u skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoordinaw, kif ikun xieraq, mal-EASA, sabiex jiżguraw li l-aspetti li ġejjin huma indirizzati b'mod korrett:

- (a) l-aspetti tas-sikurezza tal-iskema ta' prestazzjoni, inklużi l-istabbiliment, ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin tas-sikurezza u l-miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza għall-Unjoni Ewropea kollha kif ukoll il-preżentazzjoni ta' proposti għal azzjonijiet u għal miżuri xierqa wara l-attivazzjoni ta' mekkaniżmu ta' twissija;
- (b) il-konsistenza tal-indikaturi u l-miri ta' prestazzjoni ewlenin tas-sikurezza mal-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni.

Artikolu 8

Tul tal-perjodi ta' referenza

1. L-ewwel perjodu ta' referenza għall-iskema ta' prestazzjoni għandu jkopri s-snin kalendarji mill-2012 sal-2014 bis-sentejn imsemmija inklużi. It-tieni perjodu ta' referenza għandu jkopri s-snin kalendarji 2015 sa 2019 inklussivi. Perjodi ta' referenza sussegwenti għandhom ikunu ta' ħames snin kalendarji, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor permezz ta' emenda ta' dan ir-Regolament.
2. L-istess perjodu ta' referenza għandu japplika għall-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, u għall-pjanijiet u l-miri ta' prestazzjoni.

Artikolu 9

Oqsma ta' prestazzjoni ewlenin u indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin

1. Għall-fini tal-iffissar tal-miri, iż-żieda u l-adattament possibbli ta' oqsma ta' prestazzjoni ewlenin oħrajn, skont l-Artikolu 11(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, għandhom ikunu deċiżi mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.
2. Għall-fini tal-iffissar tal-miri, għal kull qasam ta' prestazzjoni ewleni għandu jikkorrispondi indikatur ta' prestazzjoni ewleni wieħed jew numru limitat ta' indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin. Il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandha tiġi vvalutata u mqabbla ma' miri vinkolanti għal kull indikatur ta' prestazzjoni ewleni.
3. It-Taqsima 1 tal-Anness 1 tistipula indikaturi prinċipali ta' prestazzjoni għall-iffissar tal-miri u l-indikaturi tal-prestazzjoni fil-livell tal-Unjoni, magħżula għal kull qasam ta' prestazzjoni ewleni.
4. It-Taqsima 2 tal-Anness I tistipula indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin lokali għall-iffissar tal-miri lokali u l-indikaturi tal-prestazzjoni fil-livell lokali użati biex jiġu stabbiliti l-miri ta' prestazzjoni. Il-livell lokali, jiġifieri tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, dak nazzjonali, taż-żona tal-imposti u tal-ajruport, huwa speċifikat fit-Taqsima 2 tal-Anness I.

⁽¹⁾ ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20.

5. Matul perjodu ta' referenza m'għandux ikun hemm bidliet fl-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin. Il-bidliet għandhom ikunu adottati permezz ta' emendi ta' dan ir-Regolament mhux iktar tard minn sitt xhur qabel l-adozzjoni ta' miri ta' prestazzjoni ġodda għall-Unjoni Ewropea kollha.

6. Għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tagħhom stess u/jew bħala parti mill-pjan ta' prestazzjoni, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi indikaturi tal-prestazzjoni u miri assoċjati minbarra l-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin u l-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin imsemmija f'dan l-Artikolu u stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I. Dawn l-indikaturi u dawn il-miri addizzjonali għandhom jappoġġaw il-ksib ta' miri għall-Unjoni kollha u l-miri li jirriżultaw fil-livell lokali. Pereżempju, huma jistgħu jintegraw u jiddeskrivu d-dimensjoni ċivili-militari jew meteoroloġika tal-pjan ta' prestazzjoni, u jistgħu jkun akkumpanjati minn skemi ta' inċentivi xierqa.

7. Sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-kejl tal-indikaturi tal-prestazzjoni tas-sikurezza (ewlenin), l-EASA, f'konsultazzjoni ma' korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, għandha tadotta mezzi aċċettabbli ta' konformità u materjal ta' gwida skont il-proċedura stabbilita skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, qabel il-bidu tat-tieni perjodu ta' referenza.

KAPITOLU II

IL-PREPARAZZJONI TAL-PJANIJIET TA' PRESTAZZJONI

Artikolu 10

Miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-inputs rilevanti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, u wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, kif jissema fl-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament, ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, kif inhu xieraq, u mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għall-aspetti tas-sikurezza tal-prestazzjoni.

2. Soġġett għall-Artikolu 9(3), il-miri għall-Unjoni kollha għandhom ikunu proposti mill-Kummissjoni mhux iktar tard minn ħmistax-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza u għandhom ikunu adottati mhux iktar tard minn tnax-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza.

3. L-iffissar tal-miri għall-Unjoni kollha għall-indikatur ta' prestazzjoni ewlenin stabbilit fil-punt 4.1(b) tat-Taqsima 1 tal-Anness I għandu jibda mit-tielet sena tat-tieni perjodu ta' referenza, soġġett għal deċiżjoni tal-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1.

4. Flimkien mal-adozzjoni ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, il-Kummissjoni għandha tiddetermina limitu/i ta' twissija li meta dawn jiġu ssuperati jistgħu jiġu attivati l-mekkaniżmi ta' twissija msemmija fl-Artikolu 19.

5. Il-Kummissjoni għandha tissostanzja kull mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha b'deskrizzjoni tas-suppożizzjonijiet sottostanti u r-raġuni fundamentali għat-twaqqif ta' dawn il-miri, b'hall-użu li sar ta' inputs mill-Maniġer tan-Netwerk, mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u minn dejta fattwali oħra, il-previżjonijiet tat-traffiku, il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru jew blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru b'ambjent operattiv u ekonomiku simili.

Artikolu 11

Tfassil tal-pjanijiet ta' prestazzjoni

1. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, għandhom ifasslu pjanijiet ta' prestazzjoni li jinkludu miri konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha u l-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-Anness IV.

Mingħajr preġudizzju għall-mudell stabbilit fl-Anness II, il-pjan ta' prestazzjoni jista' jinkludi taqsimiet differenti relatati mal-livell lokali, jiġifieri l-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, dak nazzjonali, taż-żona tal-imposti u tal-ajruport.

2. Sabiex jappoġġaw il-preparazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiżguraw li:

- il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru jissottomettu l-pjanijiet tan-negozju tagħhom lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali;
- il-partijiet interessati jiġu kkonsultati dwar il-pjan u l-miri ta' prestazzjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004. Il-partijiet interessati għandhom jingħataw informazzjoni adegwata mill-inqas tliet ġimgħat qabel il-laqgħa ta' konsultazzjoni.

3. Il-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

- il-previżjoni tat-traffiku, espressa f'unitajiet tas-servizz, li għandha tingħata għal kull sena tal-perjodu ta' referenza, fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru u għal kull żona tal-imposti fil-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, b'ġustifikazzjoni taċ-ċifri li ntużaw;
- L-ispejjeż iddeterminati għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għal kull sena tal-perjodu ta' referenza u għal kull żona tal-imposti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(2)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004;
- deskrizzjoni tal-investiment, inkluż dak meħtieġ sabiex jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni, bid-dettalji tar-rilevanza tagħhom b'rabta mal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, il-Pjan Strateġiku għan-Netwerk u proġetti komuni msemmija fl-Artikolu 15a(3) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004. Din id-deskrizzjoni għandha tenfasizza l-benefiċċji u s-sinerġiji miksuba fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru;
- il-miri ta' prestazzjoni f'kull qasam ta' prestazzjoni ewlenin rilevanti, iffissati b'referenza għal kull indikatur ta' prestazzjoni ewlenin għall-perjodu ta' referenza kollu, b'valuri annwali li għandhom jintużaw għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' inċentivi;
- konsiderazzjoni tal-interdipendenzi bejn oqsma ta' prestazzjoni ewlenin, inkluża evalwazzjoni tal-impatt fuq is-sikurezza tal-pjan ta' prestazzjoni flimkien ma' kwalunkwe mitigazzjoni meħtieġa sabiex tinżamm assigurazzjoni tas-sikurezza;
- deskrizzjoni tad-dimensjoni ċivili-militari tal-pjan li jiddeskrivi l-prestazzjoni tal-applikazzjoni tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru (FUA) sabiex tiġi miżjuda l-kapaċità filwaqt

li tiġi kkunsidrata b'mod xieraq l-effikaċja tal-missjoni militari, u jekk jitqiesu xierqa, l-indikaturi u l-miri ta' prestazzjoni rilevanti f'konsistenza mal-indikaturi u mal-miri tal-pjan ta' prestazzjoni oħrajn;

- (g) deskrizzjoni u ġustifikazzjoni ta' kif il-miri ta' prestazzjoni msemmija f'(d) jirrikonċiljaw u jikkontribwixxu għall-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, kif ukoll il-prestazzjoni tan-Netzwerk Ewropew tal-ATM;
- (h) identifikazzjoni ta' kull fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru konċernat u l-kontribut speċifiku tiegħu biex jintlaħqu l-miri, immonitorjati għal raġunijiet ta' trasparenza fil-livell l-aktar xieraq kif imsemmi fl-Artikolu 5(2)(c)(ii);
- (i) deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' inċentivi li għandhom jiġu applikati fuq il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru kkonċernati biex jingħata inkoraġġiment ħalli jintlaħqu l-miri matul il-perjodu ta' referenza;
- (j) il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għall-monitoraġġ tal-kisba tal-miri ta' prestazzjoni;
- (k) deskrizzjoni tal-eżitu tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati, inklużi l-kwistjonijiet li tqajmu mill-parteċipanti kif ukoll l-azzjonijiet miftiehma.

4. Il-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-mudell stabbilit fl-Anness II u jistgħu, jekk l-Istati Membri jiddeċiedu dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 9(6), jinkludu indikaturi addizzjonali b'miri assoċjati.

5. Il-Maniġer tan-Netzwerk għandu jfassal Pjan ta' Prestazzjoni għan-Netzwerk li jinkludi miri konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u, *mutatis mutandis*, il-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV.

6. Sabiex iħejji l-Pjan ta' Prestazzjoni għan-Netzwerk, il-Maniġer tan-Netzwerk għandu

- (a) jiżgura konsultazzjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011
- (b) juża l-mudell fl-Anness III;

Artikolu 12

Skemi ta' inċentivi

1. L-iskemi ta' inċentivi applikati mill-Istati Membri bħala parti mill-pjan ta' prestazzjoni tagħhom għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ġenerali li ġejjin:

- (a) huma għandhom ikunu effettivi u proporzjonali, u għandhom jibqgħu l-istess matul il-perjodu ta' referenza;
- (b) huma għandhom jiġu implimentati fuq bażi mhux diskriminatorja u trasparenti sabiex jagħtu appoġġ lil titjib fil-prestazzjoni tal-għoti tas-servizzi;
- (c) huma għandhom ikunu parti mill-ambjent regolatorju magħruf *ex ante* mill-partijiet interessati kollha u għandhom ikunu applikabbli matul il-perjodu ta' referenza kollu;
- (d) huma għandhom iġiegħlu entitajiet soġġetti għall-iffissar tal-miri jiksbu livell għoli ta' prestazzjoni u jilhq u l-miri assoċjati.

2. L-inċentivi dwar il-miri tal-kosteffiċjenza għandu jkollhom natura finanzjarja u għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet xierqa stabbiliti fl-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013. Huma għandhom jikkonsistu minn mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tar-riskji, fil-livell nazzjonali jew tal-blokk funzjonali tal-ispażju tal-ajru.

3. L-inċentivi dwar il-miri tal-kapaċità għandhom ikunu ta' natura finanzjarja u għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013. Huma jistgħu jkunu kkomplementati bis-saħħa ta' inċentivi ta' natura oħra, bħal pjanijiet ta' azzjoni korrettivi bi skadenzi u miżuri assoċjati, deċiżi minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali billi jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi lokali.

4. L-inċentivi dwar il-miri tal-kapaċità għandhom ikunu ta' natura finanzjarja u għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013. Huma jistgħu jkunu kkomplementati bis-saħħa ta' inċentivi ta' natura oħra, bħal pjanijiet ta' azzjoni korrettivi bi skadenzi u miżuri assoċjati, li jiġu deċiżi minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali filwaqt li jqisu ċ-ċirkustanzi lokali.

5. Barra minn hekk, l-Istati Membri, fil-livell lokali, jistgħu jimmodulaw il-ħlasijiet tan-navigazzjoni tal-ajru, kif previst fl-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013.

KAPITOLU III

L-ADOZZJONI TAL-PJANIJIET TA' PRESTAZZJONI

Artikolu 13

Adozzjoni inizjali tal-pjanijiet ta' prestazzjoni

Fuq proposta tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jadottaw pjanijiet ta' prestazzjoni li jinkludu miri ta' prestazzjoni vinkolanti u jissottomettuhom lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn sitt xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza.

Artikolu 14

Valutazzjoni u eżami tal-pjanijiet u tal-miri ta' prestazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-pjanijiet ta' prestazzjoni, il-miri tagħhom u b'mod partikolari l-konsistenza tagħhom mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha, u l-kontribut adegwat tagħhom għalihom, fuq il-baży tal-kriterji stabbiliti fl-Anness IV, billi tikkunsidra b'mod xieraq l-evoluzzjoni tal-kuntest li seta' kien hemm bejn id-data tal-adozzjoni tal-miri għall-Unjoni Ewropea kollha u d-data tal-valutazzjoni tal-pjan ta' prestazzjoni. Fejn il-miri huma stabbiliti fil-livell lokali mingħajr referenza għal mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, il-valutazzjoni għandha tiġi bbażata fuq il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV.

2. Fejn il-Kummissjoni ssib li pjan ta' prestazzjoni, jew parti minnu, u l-miri tiegħu huma konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha u jikkontribwixxu b'mod adegwat għalihom u li huma konsistenti mal-kriterji kollha stabbiliti fl-Anness IV, hi għandha tinnotifika lill-Istat Membru/i kkonċernat/i fi żmien ħames xhur wara li tkun irċeviet il-pjan ta' prestazzjoni.

3. Fejn il-Kummissjoni ssib li pjan ta' prestazzjoni, jew parti minnu, u l-miri tiegħu kollha jew uħud minnhom ma jkunux konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha u ma jkunux jikkontribwixxu b'mod xieraq għalihom u/jew mhumiex konsistenti

ma' wieħed jew iktar mill-kriterji stipulati fl-Anness IV, hi għandha, fi żmien ħames xhur wara li tkun irċeviet il-pjan ta' prestazzjoni u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, toħroġ rakkomandazzjoni lill-Istat Membru/i kkonċernat/i li jadotta/w pjan ta' prestazzjoni rivedut, jew parti minnu, u/jew mira/i. Din ir-rakkomandazzjoni għandha ssir wara konsultazzjoni tal-Istat/i Membru/i kkonċernat/i, u għandha tidentifika b'mod preċiż liema partijiet tal-pjan ta' prestazzjoni u/jew mira/i għandhom jiġu riveduti kif ukoll tispjega r-raġuni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

4. F'każ bħal dan, l-Istat/i Membru/i kkonċernat/i għandhom jadotta/w pjan ta' prestazzjoni rivedut, jew parti minnu, u/jew mira/i, billi jitqiesu l-opinjoni tal-Kummissjoni, flimkien mal-miżuri xierqa għall-ilħiq ta' dawk il-miri u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan fi żmien erba' xhur wara n-notifika tar-Rakkomandazzjoni.

Artikolu 15

Valutazzjoni tal-pjanijiet u tal-miri ta' prestazzjoni riveduti u adożzjoni ta' miżuri korrettivi

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kull pjan ta' prestazzjoni rivedut, jew parti minnu, u l-miri ta' prestazzjoni tiegħu fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fl-Anness IV.

2. Fejn il-Kummissjoni ssib li pjan ta' prestazzjoni, jew parti minnu, u l-miri tiegħu huma konsistenti ma' u jikkontribwixxu b'mod adegwat għall-miri għall-Unjoni kollha u huma konsistenti mal-kriterji kollha stabbiliti fl-Anness IV, hi għandha tinnotifika lill-Istat Membru/i kkonċernat/i fi żmien ħames xhur wara li tkun irċeviet il-pjan ta' prestazzjoni.

3. Fejn il-Kummissjoni ssib li kien hemm pjan ta' prestazzjoni rivedut, jew parti minnu, u l-miri ta' prestazzjoni kollha tiegħu jew uħud minnhom għad mhumiex konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha u ma jkunux jikkontribwixxu b'mod xierqa għalihom, u/jew għadhom mhumiex konsistenti ma' wieħed jew bosta mill-kriterji stipulati fl-Anness IV, il-Kummissjoni għandha, fi żmien ħames xhur wara li tkun irċeviet il-pjan ta' prestazzjoni rivedut, jew parti minnu, u skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, tiddeċiedi li l-Istat Membru/i kkonċernat/i jkollhom jieħdu miżuri korrettivi.

4. Deċiżjoni bħal din għandha tidentifika b'mod preċiż, skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV, liema parti mill-pjan u mira/i għandhom jiġu riveduti u r-raġuni fundamentali tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Id-Deċiżjoni tista' tistipula l-livell ta' prestazzjoni mistenni għal dawk il-miri sabiex l-Istat/i Membru/i kkonċernat/i jieħu l-miżuri korrettivi xierqa u/jew tista' tinkludi suġġerimenti għal miżuri xierqa bħal dawn.

5. Fi żmien xahrejn wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-miżuri korrettivi adottati mill-Istat/i Membru/i kkonċernat/i għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni, flimkien mal-elementi li juru l-konsistenza tagħhom mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 16

Pjanijiet ta' prestazzjoni jew miżuri korrettivi adottati wara l-bidu tal-perjodu ta' referenza

Il-pjanijiet ta' prestazzjoni jew il-miżuri korrettivi adottati wara l-bidu tal-perjodu ta' referenza minħabba l-implimentazzjoni tal-proċeduri msemmija fl-Artikoli 14 u 15 għandhom japplikaw retroattivament mill-ewwel jum tal-perjodu ta' referenza.

Artikolu 17

Revizzjoni tal-miri

1. Skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrivedi l-miri għall-Unjoni kollha, u/jew tista', fuq talba ta' Stat Membru, tippermetti li wieħed jew bosta mill-miri lokali jiġu riveduti:

- (a) meta fuq il-bażi tar-rapport tagħha msemmi fl-Artikolu 18(4) ikollha evidenza sostanzjali li d-dejta, is-suppożizzjonijiet u r-raġunijiet fundamentali inizjali li jiffurmaw il-bażi sottostanti għall-iffissar tal-miri inizjali mhumiex validi aktar; jew
- (b) minħabba l-applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' twissija kif imsemmi fl-Artikolu 19; jew
- (c) wara deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(3) fir-rigward tal-indikatur ta' prestazzjoni ewlieni stabbilit fil-punt 4.1(b) tat-Taqsima 1 tal-Anness I.

2. Revizzjoni tal-miri għall-Unjoni Ewropea kollha tista' tirriżulta femendi fil-pjanijiet ta' prestazzjoni eżistenti. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li għandu jsir aġġustament xieraq fl-iskeda taż-żminijiet stabbilita fil-Kapitoli II u III ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU IV

IL-MONITORAĠĠ TAL-KISBA TAL-PRESTAZZJONI

Artikolu 18

Monitoraġġ u rapportar kontinwi

1. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Kummissjoni għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni. Għal dan il-fini, għandhom jintużaw il-valuri annwali fil-pjan ta' prestazzjoni. Jekk, matul il-perjodu ta' referenza l-miri ma jintlaħqux, l-Istat/i Membru/i kkonċernat/i għandhom jiddefinixxu u japplikaw miżuri korrettivi magħmula biex jirranġaw is-sitwazzjoni u għandhom jikkomunikawhom lill-Kummissjoni. Fejn il-Kummissjoni ssib li dawn il-miżuri korrettivi mhumiex biżżejjed biex jirrettifikaw is-sitwazzjoni, hi għandha, fi żmien ħames xhur wara li tkun irċeviet il-miżuri u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, tinnotifika lill-Istat/i Membru/i kkonċernat/i billi tinkludi suġġerimenti għal miżuri korrettivi.

2. Fejn il-Kummissjoni tara xhieda ta' waqgħa sinifikanti u persistenti fil-prestazzjoni fil-livell lokali jew fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, li taffettwa Stati Partijiet oħrajn għall-Ajru Uniku Ewropew u/jew fl-ispazju tal-ajru Ewropew kollu, hija tista' titlob lill-Istat/i Membru/i kkonċernat/i biex

jiddefinixxu, japplikaw u jikkomunikaw lill-Kummissjoni miżuri korrettivi mfassla sabiex jilhqg l-miri stabbiliti fil-pjan ta' prestazzjoni tagħhom. Fejn il-Kummissjoni ssib li dawn il-miżuri korrettivi mhumiex biżżejjed biex jirrettifikaw is-sitwazzjoni, hi għandha, fi żmien ħames xhur wara li tkun irċeviet il-miżuri u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, tinnotifika lill-Istat/i Membru/i kkonċernat/i u tinkludi suġġerimenti għal miżuri korrettivi.

3. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Maniġer tan-Netzwerk. Għal dan il-fini, għandhom jintużaw il-valuri annwali fil-pjan ta' prestazzjoni. Jekk matul il-perjodu ta' referenza l-miri ma jintlaħqux, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Maniġer tan-Netzwerk biex jiddefinixxi, japplika u jikkomunika lill-Kummissjoni miżuri korrettivi magħmula sabiex jintlaħqu l-miri stipulati fil-Pjan ta' Prestazzjoni għan-Netzwerk. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jew il-korpi kif definiti fl-Artikolu 5(2)(b) dwar dawn il-miżuri korrettivi.

4. Mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju ta' kull sena u kull meta l-miri ta' prestazzjoni jkunu friskju li ma jintlaħqux, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jew il-korpi kif definiti fl-Artikolu 5(2)(b) għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-pjanijiet u tal-miri ta' prestazzjoni. Ir-rapporti għandhom ikunu bbażati fuq rakkomandazzjonijiet li se jiġu elaborati mill-Kummissjoni qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku dwar il-kisba tal-miri ta' prestazzjoni għall-inqas darba fis-sena.

Artikolu 19

Mekkaniżmi ta' twissija

1. Fejn, minħabba ċirkustanzi li ma kinux prevedibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u li huma kemm insuperabbli kif ukoll lil hinn mill-kontroll tal-Istati Membri, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u l-Maniġer tan-Netzwerk, il-limitu/i ta' twissija fl-Artikolu 10(4) huwa/huma milħuq/a fil-livell tal-Unjoni matul sena kalendarja, il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni f'konsultazzjoni mal-Istati Membri permezz tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku, u għandha tagħmel proposti għal azzjonijiet xierqa fi żmien erba' xhur. Dan jista' jinkludi reviżjoni tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u b'konsegwenza reviżjoni ta' dawk lokali.

2. Fejn, minħabba ċirkustanzi li ma kinux prevedibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u li huma kemm insuperabbli kif ukoll lil hinn mill-kontroll tal-Istati Membri, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u l-Maniġer tan-Netzwerk, il-limitu/i ta' twissija fl-Artikolu 10(4) huwa/huma milħuq/a fil-livell lokali matul sena kalendarja, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kkonċernati għandhom jirrevedi s-sitwazzjoni f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u għandhom jagħmlu proposti għal azzjonijiet xierqa fi żmien erba' xhur. Dan jista' jinkludi r-reviżjoni tal-miri ta' prestazzjoni lokali.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jadottaw limiti ta' twissija differenti minn daww fl-Artikolu 10(4), sabiex jitqiesu ċ-ċirkustanzi u l-ispeċifitàjiet lokali. F'każ bħal dan, dawn il-limiti għandhom ikunu stabbiliti fil-pjanijiet ta' prestazzjoni u għandhom ikunu konsistenti mal-limiti adottati skont l-Artikolu 10(4). Id-devjazzjonijiet għandhom ikunu sostnuti b'ġustifikazzjoni dettaljata. Meta dawn il-limiti jiġu attivati, għandu japplika l-proċess stabbilit fil-paragrafu 1.

4. Fejn l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' twissija jinvolvi r-reviżjoni ta' pianijiet u ta' miri ta' prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita tali reviżjoni permezz ta' aġġustament xieraq fl-iskeda taż-żmien applikabbli skont il-proċedura msemmija fil-Kapitolu II u III.

Artikolu 20

Faċilitar tal-monitoraġġ tal-konformità

1. Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u l-Maniġer tan-Netzwerk għandhom jiffaċilitaw l-ispezzjonijiet u l-istħarriġ, inklużi żjajjar fuq il-post, imwettqa mill-Kummissjoni u mill-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata, jew minn entità kkwalifikata li taġixxi fisem l-awtorità superviżorja nazzjonali, jew fejn rilevanti mill-EASA. Mingħajr preġudizzju għall-poteri superviżorji kkonferiti lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u lill-EASA, il-persuni awtorizzati għandhom jingħataw is-setgħa biex:

- (a) jeżaminaw, b'rabta mal-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin kollha, id-dokumenti u kwalunkwe materjal ieħor rilevanti għall-istabbiliment tal-pjanijiet u tal-miri ta' prestazzjoni;
- (b) jieħdu kopji ta' jew siltiet minn dokumenti bħal dawn;
- (c) jitolbu għal spjegazzjoni bil-fomm fuq il-post.

2. L-ispezzjonijiet u l-istħarriġ fil-paragrafu 1 għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri fis-seħħ fl-Istat Membru fejn se jsiru.

3. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-qasam ta' prestazzjoni tas-sikurezza skont il-proċeduri għas-sorveljanza tas-sikurezza stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1034/2011 ⁽¹⁾.

4. Fil-kuntest tal-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni l-EASA għandha tissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Istati Membri fil-qasam ta' prestazzjoni ewleni tas-sikurezza skont il-metodi ta' ħidma stipulati fl-Artikolu 24(5) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 ⁽²⁾.

KAPITOLU V

IL-ĠBIR, IL-VALIDAZZJONI, L-EŻAMI, L-EVALWAZZJONI U T-TIXRID TAL-INFORMAZZJONI RELATATA MAL-RESTAZZJONI TAN-NAVIGAZZJONI TAL-AJRU GĦALL-AJRU UNIKU EWROPEW

Artikolu 21

Ġbir u validazzjoni tad-dejta għal analiżi tal-prestazzjoni

1. Flimkien mad-dejta diġà miġbura mill-Kummissjoni permezz ta' strumenti oħra tal-Unjoni li jistgħu wkoll ikunu użati għall-analiżi tal-prestazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, l-operaturi tal-ajruporti, il-koordinaturi tal-ajruporti u t-trasportaturi tal-ajru għandhom jiżguraw illi l-Kummissjoni tkun ipprovduta bid-dejta msemmija fl-Anness V skont il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 271, 18.10.2011, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

2. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jiddelegaw jew jorganizzaw mill-ġdid, b'mod sħiħ jew parzjali, il-kompitu li jipprovdu d-dejta bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, l-operaturi tal-ajruporti u l-koordinaturi tal-ajruporti tagħhom, bil-għan li jiġu kkunsidrati l-ispeċifitajiet lokali u l-mezzi ta' rapportar eżistenti.

3. Il-fornituri tad-dejta għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità, il-validazzjoni u t-trażmissjoni f'waqtha tad-dejta, inkluża l-evidenza tal-kontrolli tal-kwalità u tal-proċessi ta' validazzjoni tagħhom, l-ispejgazzjonijiet b'reazzjoni għat-talbiet speċifiċi tal-Kummissjoni Ewropea relatati mal-kwalità tad-dejta u, fejn ikun meħtieġ, il-pjanijiet ta' azzjoni biex titejjeb il-kwalità tad-dejta tagħhom. Id-dejta għandha tkun ipprovduta mingħajr ħlas, f'forma elettronika fejn ikun applikabbli billi jintuża l-format speċifikat mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-kwalità u għandha tivvalida d-dejta trażmessa skont il-paragrafu 1. Meta d-dejta ma tippermettix l-użu xieraq għall-analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri xierqa sabiex tevalwa u ttejjeb il-kwalità tad-dejta b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, b'mod partikolari mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tagħhom.

5. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, id-dejta relatata mal-prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 li tkun diġà ġiet ipprovduta lill-Eurocontrol għandha tiġi kkunsidrata li ġiet ipprovduta lill-Kummissjoni. Fejn l-informazzjoni ma tkunx diġà ġiet ipprovduta lill-Eurocontrol, il-Kummissjoni u l-Eurocontrol għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiżguraw li dejta bħal din titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3.

6. Kull meta jiġu identifikati rekwiżiti ġodda sinifikanti dwar id-dejta jew meta tkun mistennija dejta ta' kwalità insuffiċjenti, il-Kummissjoni tista' twettaq studji pilota li għandhom jiġu kkompletati fuq bażi volontarja mill-Istati Membri qabel ma jiġu introdotti rekwiżiti ġodda dwar id-dejta permezz ta' emenda f'dan ir-Regolament. Studji pilota bħal dawn għandhom jitwettqu sabiex tiġi evalwata l-fattibbiltà tal-ġbir tad-dejta rilevanti, billi jiġu bilanċjati l-benefiċċji tad-disponibbiltà tad-dejta kontra l-ispejjeż tal-ġbir u l-piż fuq min għandu jwieġeb.

Artikolu 22

Tixrid tal-informazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha xxerred l-informazzjoni għall-fini tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu, kif ukoll skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004.

2. L-informazzjoni fl-Artikolu 3(3)(a) għandha tkun pubblikament disponibbli, b'mod partikolari b'mezzi elettroniċi. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar il-politika għall-immaneġġjar, il-protezzjoni, il-kunfidenzjalità, u t-tixrid tad-dejta miġbura għall-finijiet ta' prestazzjoni fl-

applikazzjoni tal-Artikolu 21, u d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali assoċjati.

3. Ir-rapporti tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 18(4) għandhom ikunu pubblikament disponibbli u referenza għalihom għandha tiġi ppubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tipprovdi lill-partijiet konċernati b'informazzjoni ġenerali oħra fuq bażi regolari, b'mod partikolari b'mezzi elettroniċi.

4. Il-miri għall-Unjoni kollha msemmija fl-Artikolu 10 u referenza għall-pjanijiet ta' prestazzjoni adottati msemmija fil-Kapitolu III għandhom ikunu disponibbli pubblikament u għandhom jiġu ppubblikati fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. Għandu jingħata aċċess individwali għal informazzjoni speċifika, bħal dejta u statistiċi vvalidati, lill-fornitur tad-dejta li miegħu jkun relatati direttament l-informazzjoni u l-attivitàjiet.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikolu 23

Eżenzjonijiet

Fejn, skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013, ikun ġie stabbilit li s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fit-terminal kollha jew uħud minnhom u/jew is-servizzi CNS, MET u AIS kollha jew uħud minnhom ta' Stat Membru huma soġġetti għall-kundizzjonijiet tas-suq, u l-Istat Membru iddeċieda skont dak ir-Regolament li ma jikkalkulax l-ispejjeż iddeterminati għal dawn is-servizzi, li ma jikkalkulax u jiffissal-imposti tat-terminal, u li ma japplikax inċentivi finanzjarji għal dawn is-servizzi, il-miri tal-kosteffiċjenza ma japplikawx għal dawn is-servizzi.

Artikolu 24

Appell

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet li jittieħdu skont dan ir-Regolament ikunu spjegati b'mod tajjeb u jkun soġġetti għal proċedura effettiva ta' reviżjoni u/jew ta' appell.

Artikolu 25

Reviżjoni tal-iskema

Sa tmiem kull perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-iskema ta' prestazzjoni, u b'mod partikolari, għandha tanalizza l-impatt, l-effikaċja u l-ambitu, filwaqt li tqis il-ħidma mwettqa mill-ICAO f'dan il-qasam.

Artikolu 26

Emendi fir-Regolament (UE) Nru 677/2011

Ir-Regolament (UE) Nru 677/2011 huwa emendat kif ġej:

1. Il-premessa 28 hija mħassra.

⁽¹⁾ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

2. fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Sabiex jiggwida l-perspettiva fit-tul tiegħu, il-Maniġer tan-Netwerk għandu jiżviluppa, iżomm u jimplimenta Pjan Strateġiku għan-Netwerk, li għandu jkun allinjat mal-perjodu ta' referenza previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013. (*)

(*) ĠU L 128, 9.5.2013, p. 1.”

3. fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-Pjan Strateġiku għan-Netwerk għandu jiġi aġġornat fuq bażi regolari, mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu ta' kull perjodu ta' referenza.”

“ANNEX IV

MUDELL GĦALL-PJAN STRATEĠIKU GĦAN-NETWERK

Il-Pjan Strateġiku għan-Netwerk għandu jkun ibbażat fuq l-istruttura li ġejja:

1. DAĦLA

1.1. Kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan Strateġiku għan-Netwerk (l-ambitu ġeografiku u l-perjodu taż-żmien)

1.2. Thejġija tal-pjan u l-proċess ta' validazzjoni

2. KUNTEST ĠENERALI U REKWIŻITI

2.1. Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali tan-netwerk u ta' dik ippjanata, inklużi l-ERND, l-ATFM, l-ajruporti u r-riżorsi skarsi

2.2. Sfidi u opportunitajiet marbutin mal-perjodu taż-żmien tal-pjan (inklużi l-previżjonijiet tad-domanda tat-traffiku u l-iżvilupp tiegħu fil-livell dinji)

2.3. Għanijiet ta' prestazzjoni u rekwiżiti tan-negozju kif ġew espressi mill-partijiet interessati differenti u l-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha

3. VIŻJONI STRATEĠIKA

3.1. Deskrizzjoni tal-mod strateġiku li bih se jiżviluppa u jagħmel progress in-netwerk sabiex b'suċċess jissodisfa l-miri ta' prestazzjoni u r-rekwiżiti tan-negozju

3.2. Konformità mal-iskema ta' prestazzjoni

3.3. Konformità mal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM

4. GĦANIJET STRATEĠIĊI

4.1. Deskrizzjoni tal-għanijiet strateġiċi tan-Netwerk:

(d) li tinkludi l-aspetti kooperattivi tal-partijiet interessati operattivi li qed jieħdu sehem fih f'termini tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet tagħhom;

(e) li tindika kif l-għanijiet strateġiċi se jissodisfaw ir-rekwiżiti;

(f) li tidentifika kif se jitkejjel il-progress li jkun sar sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

(g) li tindika l-impatt li l-għanijiet strateġiċi se jkollhom fuq l-industrija u fuq oqsma kkonċernati oħrajn.

5. PJANAR STRATEĠIKU

5.1. Deskrizzjoni tal-ippjanar fuq perjodu taż-żmien qasir jew medju:

(h) il-prijoritajiet għal kull wieħed mill-għanijiet strateġiċi

4. fl-Artikolu 20, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Kull sena, il-Maniġer tan-Netwerk għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija dwar il-miżuri li ħa sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu. Ir-rapport għandu jindirizza l-funzjonijiet individwali tan-netwerk kif ukoll is-sitwazzjoni kollha tan-netwerk u għandu jkun marbut mill-qrib mal-kontenut tal-Pjan Strateġiku għan-Netwerk, mal-Pjan Operattiv tan-Netwerk u mal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Netwerk, imsemmija fl-Artikolu 6(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku.”

5. L-Anness IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

- (i) l-implimentazzjoni ta' kull wieħed mill-għanijiet strateġiċi f'termini tal-użu mitlub tat-teknoloġija, tal-impatt arkitettoniku, tal-aspetti umani, tal-ispiża involuta u tal-benefiċċji, kif ukoll tal-governanza, tar-riżorsi u tar-regolamentazzjoni meħtieġa
- (j) il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati operattivi mitluba għal kull element tal-pjan, inklużi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom
- (k) il-livell miftiehem ta' involviment tal-Maniġer tan-Netwerk sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' kull element tal-pjan għal kull funzjoni individwali.

5.2. Deskrizzjoni tal-ippjanar fit-tul:

- (l) l-intenzjoni li jintlaħaq kull wieħed mill-għanijiet strateġiċi f'termini tat-teknoloġija mitluba u tal-aspetti tar-riċerka u tal-iżvilupp korrispondenti, tal-impatt arkitettoniku, tal-aspetti umani, tal-kwistjonijiet tan-negozju, tal-governanza mitluba u tar-regolamentazzjoni mitluba, kif ukoll il-ġustifikazzjoni ekonomika u tas-sikurezza marbuta ma' dawn l-investimenti,
- (m) il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati operattivi mitluba għal kull element tal-pjan, inklużi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom.

6. VALUTAZZJONI TAR-RISKJI

6.1. Deskrizzjoni tar-riskji marbutin mal-implimentazzjoni tal-pjan

6.2. Deskrizzjoni tal-proċess ta' monitoraġġ (inkluża d-devjazzjoni potenzjali mill-għanijiet inizjali)

7. RAKKOMANDEZZJONIJIET

7.1. Identifikazzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Unjoni u mill-Istati Membri sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-pjan."

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mit-tieni perjodu ta' referenza kif definit fl-Artikolu 8 u matul dak il-perjodu. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni sabiex tippermetti għall-adozzjoni ta' miri għall-Unjoni kollha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) qabel il-bidu tat-tieni perjodu ta' referenza u l-preparazzjoni u l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-Arti-

koli 1(3), 1(4), 3(3)(i), 3(3)(n), 5, 6, 9(3), 9(4), 26, il-Kapitolu II, Kapitolu III, kif ukoll l-Annessi I, II, III, IV, u V għandhom japplikaw mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 28

Tħassir

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2010, l-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1216/2011 għandhom jiġu mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2015, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jimplementaw l-iskema ta' prestazzjoni matul l-ewwel perjodu ta' referenza kif definit fl-Artikolu 8.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

L-INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI EWLENIN (KEY PERFORMANCE INDICATORS - KPI) U INDIKATURI TAL-PRESTAZZJONI (PI)

TAQSIMA 1

Għall-iffissar tal-miri għall-Unjoni kollha u għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni fil-livell tal-Unjoni

1. SIKUREZZA

1.1. Indikaturi ta' Prestazzjoni Ewlenin

- (a) Il-livell minimu tal-effikaċja tal-ġestjoni tas-sikurezza kif definit fit-taqsimi 2, il-punt 1.1 (a).
- (b) Il-perċentwali ta' applikazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-severità bbażata fuq il-metodoloġija tal-Ghodka għall-Analiżi tar-Riskji (RAT) għar-rappurtar, bħala minimu, ta' tliet kategoriji ta' okkorrenzi: ksur tas-separazzjoni minima, inkursjonijiet fuq ir-runway u okkorrenzi speċifiċi f'kull unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kif definit fit-Taqsimi 2, il-punt 1.1 (b).

2. AMBJENT

2.1. Indikaturi ta' Prestazzjoni Ewlenin

- (a) L-effiċjenza medja ta' titjira orizzontali *en route* tat-trajettorja effettiva, definita kif ġej:
 - (i) l-indikatur huwa l-paragun bejn it-tul tal-parti *en route* tat-trajettorja effettiva kkalkulat mid-dejta tas-sorveljanza u l-porzjon korrispondenti tad-distanza taċ-ċirku l-kbir, magħdud għat-titjiriet bl-IFR kollha fi ħdan l-ispazju tal-ajru Ewropew jew li jaqsmuh;
 - (ii) "*en route*" tirreferi għad-distanza li l-inġenju tal-ajru jkun tar 'il barra minn ċirku ta' 40 mil nawtiku madwar l-ajruporti;
 - (iii) fejn titjira titlaq minn jew tasal f'post barra mill-ispazju tal-ajru Ewropew, il-parti biss ġewwa l-ispazju tal-ajru Ewropew hija meqjusa.
- (b) L-effiċjenza medja ta' titjira orizzontali *en route* tat-trajettorja tal-aħħar pjan tat-titjira ddepożitat iddefinita kif ġej:
 - (i) id-differenza bejn it-tul tal-parti *en route* tat-trajettorja tal-aħħar pjan tat-titjira ddepożitat u l-porzjon korrispondenti tad-distanza taċ-ċirku l-kbir, magħduda għat-titjiriet kollha bl-IFR fi ħdan l-ispazju tal-ajru Ewropew jew li jaqsmuh;
 - (ii) "*en route*" tirreferi għad-distanza li l-inġenju tal-ajru jkun tar 'il barra minn ċirku ta' 40 mil nawtiku madwar l-ajruporti,
 - (iii) fejn titjira titlaq minn jew tasal f'post barra mill-ispazju tal-ajru Ewropew, il-parti biss ġewwa l-ispazju tal-ajru Ewropew hija meqjusa.

2.2. Indikaturi ta' Prestazzjoni

- (a) L-effettività ta' proċeduri ta' riżervazzjoni għall-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru (FUA), iddefinita kif ġej:
 - (i) l-indikatur huwa l-proporzjon tal-ħin li ġie allokat lill-ispazju tal-ajru għar-riżerva jew għas-segregazzjoni mit-traffiku tal-ajru ġenerali, u l-ħin li kien użat fl-ispazju tal-ajru għall-attività li teħtieġ tali segregazzjoni jew riżerva,
 - (ii) l-indikatur huwa kkalkulat separatament għall-allokazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru fuq bażi pretattika u tattika u inklużi l-allokazzjonijiet kollha nnotifikati lill-Maniġer tan-Netzwerk.
- (b) Ir-rata tal-ippjanar tar-rotot kondizzjonali (CDRs) iddefiniti bħala l-proporzjon tal-pjanijiet tat-titjira tal-inġenji tal-ajru rreġistrati permezz tas-CDRs u l-għadd ta' inġenji tal-ajru li setgħu ppjanawhom.
- (c) L-użu effettiv ta' CDRs iddefinit bħala l-proporzjon tal-inġenji tal-ajru li jużaw is-CDRs u l-għadd ta' inġenji tal-ajru li setgħu ppjanawhom.

3. KAPAĊITÀ

3.1. Indikatur ta' Prestazzjoni Ewlenin

Il-medja ta' minuti ta' dewmien tal-ATFM (Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru) *en route* għal kull titjira attribwibbli għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, definit kif ġej:

- (i) id-dewmien tal-AFTM *en route* huwa d-dewmien ikkalkulat mill-unità ċentrali tal-AFTM, kif ġie iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010 u espress bħala d-differenza bejn il-ħin tat-tluq mitlub mill-operatur tal-inġenju tal-ajru ⁽¹⁾ fl-aħħar pjan tat-titjira ppreżentat u l-ħin tat-tluq ikkalkulat allokat mill-unità ċentrali tal-AFTM;

(1) ĠU L 80, 26.3.2010, p. 10.

(ii) l-indikatur ikopri t-titjiriet kollha bl-IFR fi ħdan l-isparju tal-ajru Ewropew u l-kawżi tad-dewmien tal-AFTM kollha, minbarra avvenimenti eċċezzjonali;

(iii) l-indikatur huwa kkalkulat għas-sena kalendarja kollha u għal kull sena tal-perjodu ta' referenza.

3.2. Indikatur ta' Prestazzjoni

Il-medja ta' minuti tad-dewmien tal-AFTM tal-wasla għal kull titjira attribwibbli lis-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fit-terminals u fl-ajruporti u kkawżat minn restrizzjonijiet fuq l-inżlu fl-ajruport tad-destinazzjoni, definit kif ġej:

- (i) l-indikatur huwa l-medja tad-dewmien iġġenerat tal-AFTM tal-wasla għal kull titjira IFR dieħla;
- (ii) l-indikatur jinkludi t-titjiriet kollha bl-IFR li jinżlu l-art fl-ajruport tad-destinazzjoni u jkopri l-kawżi tad-dewmien tal-AFTM kollha, minbarra avvenimenti eċċezzjonali;
- (iii) l-indikatur huwa kkalkulat għas-sena kalendarja kollha u għal kull sena tal-perjodu ta' referenza.

4. KOSTEFFIĊJENZA

4.1. Indikaturi ta' Prestazzjoni Ewlenin

(a) L-ispiża ddeterminata medja għal kull unità (determined unit cost - DUC) għall-Unjoni għal servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru *en route*, definita kif ġej:

- (i) l-indikatur huwa l-proporzjon bejn l-ispejjeż iddeterminati *en route* u t-traffiku *en route* previst, espress f'unitajiet tas-servizzi *en route*, mistennija matul il-perjodu fil-livell tal-Unjoni, kif inhu inkluż fis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-miri għall-Unjoni kollha fl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(5);
- (ii) l-indikatur huwa espress f'Euros u f'termini reali;
- (iii) l-indikatur huwa pprovdut għal kull sena tal-perjodu ta' referenza.

(b) L-ispiża medja ta' unità ddeterminata (determined unit cost - DUC) għall-Unjoni għal servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fit-terminal, definita kif ġej:

- (i) l-indikatur huwa r-riżultat tal-proporzjon bejn l-ispejjeż iddeterminati u t-traffiku previst, espress f'unitajiet tas-servizzi tat-terminal, kif inhu inkluż fis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-miri għall-Unjoni kollha fl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(5);
- (ii) l-indikatur huwa espress f'Euros u f'termini reali;
- (iii) l-indikatur huwa pprovdut għal kull sena tal-perjodu ta' referenza;
- (iv) l-indikatur japplika mill-bidu tat-tielet sena tat-tieni perjodu ta' referenza, soġġett għad-deċizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(3).

4.2. Indikatur ta' Prestazzjoni

L-ispejjeż tal-Eurocontrol u b'mod partikolari l-evoluzzjoni tagħhom meta mqabbla mal-evoluzzjoni tal-Indikatur ta' Prestazzjoni Ewlenin stipulati fil-punt 4.1(a). Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Eurocontrol jikkomunika lill-Kummissjoni l-baġit adottat tiegħu u l-baġit reali u l-bażi tal-ispejjeż matul il-perjodu ta' referenza, kif ukoll l-evoluzzjoni tal-ispiża tal-unità li tirriżulta mill-proporzjon bejn il-bażi tal-ispejjeż adottata u l-evoluzzjoni prevista fit-traffiku, b'analiżi li turi l-evoluzzjoni tal-komponenti varji tiegħu u li tidentifika separatament id-diversi attivitajiet ta' forniment ta' servizzi.

TAQSIMA 2

Għall-iffissar tal-miri u għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni fil-livell lokali

1. SIKUREZZA

1.1. Indikaturi ta' Prestazzjoni Ewlenin

(a) L-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, fir-rigward tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru tagħhom, iċċertifikati biex jipprovdu servizzi tat-traffiku tal-ajru jew servizzi ta' komunikazzjoni, ta' navigazzjoni u ta' sorveljanza. Dan l-indikatur ta' prestazzjoni ewleni għandu jtkompli mil-livell tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Ġestjoni li ġejjin:

- (i) Politika u objettivi tas-sikurezza;
- (ii) Ġestjoni tar-riskju tas-sikurezza;
- (iii) Assigurazzjoni tas-sikurezza;
- (iv) Promozzjoni tas-sikurezza;

- (v) Kultura tas-Sikurezza.
- (b) L-applikazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-severità bbażata fuq l-Ghodka għall-Analiżi tar-Riskju (Risk Analysis Tool - RAT) li hija metodoloġija għar-rappurtar, bħala minimu, ta' ksur tas-separazzjoni minima, ta' inkursjonijiet fuq ir-runway u ta' okkorrenzi speċifiċi f'kull unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta jirrapportaw dawn l-okkorrenzi, l-Istati Membri u l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandhom jużaw il-klassifikazzjonijiet tas-severità li ġejjin:
 - (i) Incident serju.
 - (ii) Incident kbir
 - (iii) Incident sinifikanti
 - (iv) L-ebda effett fuq is-sikurezza
 - (v) Mhux determinat; pereżempju informazzjoni insuffiċjenti disponibbli, jew evidenza inkonklussiva jew konflinġenti pprekludiet din id-determinazzjoni.

Ir-rappurtar dwar l-applikazzjoni tal-metodu għandu jsir għal okkorrenzi individwali.

- (c) Ir-rappurtar mill-Istati Membri u mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru tagħhom tal-livell ta' preżenza u l-livell korrispondenti ta' assenza ta' kultura ġusta.

Għall-iskop ta' dawn l-indikaturi, lokali tfisser fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru b'indikazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-kontribut fil-livell nazzjonali.

1.2. Indikaturi ta' Prestazzjoni

- (a) L-applikazzjoni mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, ta' sistemi awtomatizzati ta' reġistrazzjoni tad-dejta tas-sikurezza, fejn disponibbli, li għandhom jinkludu, bħala minimu l-monitoraġġ tal-ksur tas-separazzjoni minima u ta' inkursjonijiet fuq ir-runway.
- (b) Ir-rappurtar mill-Istati Membri u mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru dwar il-livell ta' rappurtar ta' okkorrenza, fuq bażi annwali, bil-għan li jitkejjel il-livell ta' rappurtar u tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' titjib fil-kultura tar-rappurtar;
- (c) L-għadd, bħala minimu, ta' ksur tas-separazzjoni minima, ta' inkursjonijiet fuq ir-runway, ta' ksur tal-ispazju tal-ajru, u ta' okkorrenzi speċifiċi għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru f'kull unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

Għall-iskop ta' dawn l-indikaturi, lokali tfisser fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru b'indikazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-kontribut fil-livell nazzjonali.

2. AMBJENT

2.1. Indikatur ta' Prestazzjoni Ewlieni

L-effiċjenza medja ta' titjira orizzontali *en route* tat-trajettorja effettiva, definita kif ġej:

- (i) L-indikatur huwa l-paragun bejn it-tul tal-parti *en route* tat-trajettorja effettiva dderivat mid-dettalji ta' sorveljanza u d-distanza miksuba, magħdud għat-titjiriet bl-IFR kollha fi ħdan l-ispazju tal-ajru Ewropew jew li jaqsmuh;
- (ii) "*en route*" tirreferi għad-distanza li l-inġenju tal-ajru jkun tar 'il barra minn ċirku ta' 40 mil nawtiku madwar l-ajruporti,
- (iii) fejn titjira titlaq minn jew tasal f'post barra mill-ispazju tal-ajru lokali, il-parti biss ġewwa l-ispazju tal-ajru lokali hija meqjusa.
- (iv) "distanza milħuqa" hija funzjoni tal-pożizzjoni tal-punti tad-dħul u tal-ħruġ tat-titjira lejn u 'l barra mill-ispazju tal-ajru lokali. Id-distanza milħuqa tirrappreżenta l-kontribut li dawn il-punti jagħmlu għad-distanza użata fl-indikatur għall-Unjoni kollha. Is-somma ta' dawn id-distanzi fuq l-ispazji tal-ajru lokali ttraversati kollha hija ugwali għad-distanza użata fl-indikatur għall-Unjoni kollha.

Għall-iskop ta' dan l-indikatur, lokali tfisser fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru.

2.2. Indikaturi ta' Prestazzjoni

- (a) Il-ħin addizzjonali fil-fażi taxi-out, definit kif ġej:
 - (i) L-indikatur huwa d-differenza bejn il-ħin effettiv tat-taxi-out u l-ħin mingħajr restrizzjonijiet ibbażat fuq il-ħinijiet tat-taxi-out waqt perjodi baxxi ta' traffiku;
 - (ii) L-indikatur huwa espress f'minuti għal kull tluq għas-sena kalendarja kollha.
- (b) Il-ħin addizzjonali fl-ispazju tal-ajru tat-terminal, definit kif ġej:
 - (i) L-indikatur huwa d-differenza bejn il-ħin tat-tranżitu taż-żona ASMA (Arrival Sequencing and Metering Area) u l-ħin mingħajr restrizzjonijiet ibbażat fuq il-ħinijiet tat-tranżitu taż-żona ASMA f'perjodi baxxi ta' traffiku;
 - (ii) L-indikatur huwa espress f'minuti għal kull tluq għas-sena kalendarja kollha.
 - (iii) iż-żona ASMA hija definita bħala ċilindru virtwali b'raġġ ta' 40 mil nawtiku madwar l-ajruport tal-wasla.

(c) L-indikaturi kif definiti f'Taqsim 1, il-punt 2.2.

Għall-iskop tal-indikaturi (a) u (b), lokali tfisser fil-livell nazzjonali b'analiżi fil-livell tal-ajruport. Għall-iskop tal-indikatur (c), lokali tfisser fil-livell nazzjonali.

3. KAPAĊITÀ

3.1. Indikaturi ta' Prestazzjoni Ewlenin

(a) Il-medja tal-minuti ta' dewmien tal-AFTM *en route* għal kull titjira, definita kif ġej:

(i) id-dewmien tal-AFTM *en route* huwa d-dewmien ikkalkulat mill-unità ċentrali tal-AFTM, kif ġie ddefinit fir-Regolament (UE) Nru 255/2010 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u espress bħala d-differenza bejn il-ħin tat-tluq mitlub mill-operatur tal-inġenju tal-ajru fl-aħħar pjan tat-titjira ppreżentat u l-ħin tat-tluq ikkalkulat allokat mill-unità ċentrali tal-AFTM;

(ii) l-indikatur ikopri t-titjiriet kollha bl-IFR fi ħdan l-ispazju tal-ajru Ewropew u l-kawżi tad-dewmien tal-ATFM kollha, minbarra avvenimenti eċċezzjonali;

(iii) l-indikatur huwa kkalkulat għas-sena kalendarja kollha u għal kull sena tal-perjodu ta' referenza.

Għall-iskop ta' dan l-indikatur, lokali tfisser fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru bi tqassim immonitorjat għal raġunijiet ta' trasparenza fil-livell l-aktar xieraq.

(b) Il-medja tal-minuti għal kull titjira tad-dewmien tal-AFTM tal-wasla attribwibbli lis-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fit-terminal u fl-ajruport u kkawżat minn restrizzjonijiet fuq l-inżul fl-ajruport tad-destinazzjoni, definit kif ġej:

(i) l-indikatur huwa l-medja dewmien iġġenerat tal-AFTM tal-wasla għal kull titjira bl-IFR dieħla;

(ii) l-indikatur ikopri t-titjiriet kollha bl-IFR li jinżlu l-art fl-ajruport tad-destinazzjoni u l-kawżi tad-dewmien tal-AFTM kollha, minbarra avvenimenti eċċezzjonali;

(iii) l-indikatur huwa kkalkulat għas-sena kalendarja kollha u għal kull sena tal-perjodu ta' referenza.

Għall-iskop ta' dan l-indikatur, lokali tfisser fil-livell nazzjonali bi tqassim fil-livell tal-ajruport għall-finijiet ta' monitoraġġ.

3.2. Indikaturi ta' Prestazzjoni

(a) L-aderenza mas-slots tal-ATFM kif meħtieġ mill-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 255/2010.

(b) Il-medja tal-minuti għal kull titjira tad-dewmien qabel it-tluq tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru kkawżat minn restrizzjonijiet tat-tluq fl-ajruport tat-tluq, definita kif ġej:

(i) l-indikatur huwa l-medja tad-dewmien ta' qabel it-tluq tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għal kull titjira IFR ħierġa;

(ii) l-indikatur jinkludi t-titjiriet kollha bl-IFR li jtilqu mill-ajruport tat-tluq u jkopri d-dewmien fl-istart up minħabba limitazzjonijiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru meta l-inġenju tal-ajru jkun lest biex jitlaq mill-istand tat-tluq;

(iii) l-indikatur huwa kkalkulat għas-sena kalendarja kollha u għal kull sena tal-perjodu ta' referenza.

Għall-iskop ta' dan l-indikatur, lokali tfisser fil-livell nazzjonali b'analiżi fil-livell tal-ajruport għall-finijiet ta' monitoraġġ.

4. KOSTEFFIĊJENZA

4.1. Indikaturi ta' Prestazzjoni Ewlenin

(a) L-ispiża ddeterminata ta' unità (DUC) għal servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru *en route*, definita kif ġej:

(i) l-indikatur huwa l-proporzjon bejn l-ispejjeż iddeterminati *en route* u t-traffiku previst fiż-żona tal-imposti, espress f'unitajiet tas-servizzi *en route*, mistenni matul il-perjodu fil-livell lokali, inklużi fil-pjanijiet ta' prestazzjoni skont l-Artikolu 11(3)(a) u (b);

(ii) l-indikatur huwa espress f'termini reali u fil-munita nazzjonali;

(iii) l-indikatur huwa pprovdut għal kull sena tal-perjodu ta' referenza.

(b) L-ispiża/l-ispejjeż iddeterminata/i ta' unità (DUC) għal servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru *en route*, iddefiniti kif ġej:

(i) l-indikatur huwa r-riżultat tal-proporzjon bejn l-ispejjeż iddeterminati u t-traffiku previst, espress f'unitajiet tas-servizzi tat-terminal, inkluż fil-pjanijiet ta' prestazzjoni skont l-Artikolu 11(3)(a) u (b);

- (ii) l-indikatur huwa espress f'termini reali u fil-munita nazzjonali;
 - (iii) l-indikatur huwa pprovdut għal kull sena tal-perjodu ta' referenza.
- Għall-iskop ta' dawn iż-żewġ indikaturi, lokali tfisser fil-livell taż-żona tal-imposti.
-

ANNEX II

MUDELL GĦALL-PJANIJIET TA' PRESTAZZJONI

Il-pjan ta' prestazzjoni għandu jkun ibbażat fuq l-istruttura li ġejja:

1. INTRODUZZJONI

- 1.1. Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni (kamp ta' applikazzjoni tal-pjan, lista tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru koperti, eċċ.).
- 1.2. Deskrizzjoni tax-xenarju makroekonomiku għall-perjodu ta' referenza, inklużi s-suppożizzjonijiet ġenerali (il-previżjonijiet tat-traffiku, eċċ.).
- 1.3. Deskrizzjoni tal-eżitu tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati sabiex jiġu ppreparati l-pjan ta' prestazzjoni u l-kompromessi miftiehma kif ukoll il-punti ta' nuqqas ta' qbil u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil.
- 1.4. Deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħuda mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru sabiex jiġi implimentat il-Pjan Strateġiku għan-Netwerk fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru u l-prinċipji gwida l-oħra għall-operazzjoni tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru fuq żmien twil.
- 1.5. Lista tal-ajruporti soġġetti għall-iskema ta' prestazzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Regolament, flimkien mal-għadd medju ta' movimenti tat-trasport bl-ajru bl-IFR.
- 1.6. Lista tal-ajruporti eżentati skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 flimkien mal-għadd medju ta' movimenti tat-trasport bl-ajru bl-IFR.

2. INVESTIMENT

- 2.1. Deskrizzjoni u ġustifikazzjoni tal-ispiża, tan-natura u tal-kontribut għall-kisba tal-miri ta' prestazzjoni tal-investimenti f'sistemi ATM ġodda u bidliet maġġuri ta' sistemi ATM eżistenti, inkluż ir-rilevanza tagħhom u l-koerenza mal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, il-proġetti komuni msemmija fl-Artikolu 15a tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, u, skont kif xieraq, il-Pjan Strateġiku għan-Netwerk.
- 2.2. Id-deskrizzjoni u l-ġustifikazzjoni msemmija fil-punt 2.1 għandhom b'mod partikolari
 - (i) jirrelataw l-ammont tal-investimenti, li għalihom jingħataw deskrizzjoni u ġustifikazzjoni skont il-punt 2.1, mal-ammont totali tal-investimenti;
 - (ii) jagħmlu differenza bejn investimenti f'sistemi ġodda, bidla ta' sistemi eżistenti u investimenti ta' sostituzzjoni;
 - (iii) jirreferu kull investiment f'sistemi ATM ġodda u bidla maġġuri f'sistemi ATM eżistenti għall-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, lill-proġetti komuni msemmija fl-Artikolu 15a tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, u, skont kif xieraq, għall-Pjan Strateġiku għan-Netwerk;
 - (iv) jiddettaljaw is-sinerġiji miksuba fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru jew, jekk ikun xieraq, ma' Stati Membri oħrajn jew għall-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, b'mod partikolari f'termini ta' infrastruttura komuni u tal-akkwist komuni;
 - (v) jiddettaljaw il-benefiċċji mistennija minn dawn l-investimenti f'termini ta' prestazzjoni fl-erba' oqsma ta' prestazzjoni ewlenin, billi jallokawhom bejn il-fażijiet *en route* u tat-terminal/tal-ajruport tat-titjira, u d-data minn meta l-benefiċċji huma mistennija;
 - (vi) jipprovdu informazzjoni dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jsostnu l-investiment, bħall-eżistenza ta' dokumentazzjoni dwar l-analiżi tal-kosti mqabbla mal-benefiċċji, dwar iż-żamma ta' konsultazzjoni mal-utenti, ir-riżultati tagħha u kwalunkwe opinjoni kuntrarja espressa.

3. MIRI TA' PRESTAZZJONI FIL-LIVELL LOKALI

- 3.1. Il-miri ta' prestazzjoni f'kull qasam ta' prestazzjoni ewlenin, iffissati b'referenza għal kull indikatur ta' prestazzjoni ewlenin kif stipulat fl-Anness I, Taqsim 2, għall-perjodu ta' referenza kollu, b'valuri annwali li għandhom jintużaw għal finijiet ta' monitoraġġ u ta' inċentivi:
 - (a) Sikurezza
 - (i) livell ta' effettività fil-ġestjoni tas-sikurezza: miri lokali għal kull sena tal-perjodu ta' referenza;
 - (ii) applikazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-severità bbażata fuq il-metodoloġija tal-Għodda għall-Analiżi tar-Riskji (RAT): miri lokali għal kull sena tal-perjodu ta' referenza;
 - (iii) kultura ġusta: miri lokali għall-aħħar sena tal-perjodu ta' referenza.

- (b) Ambjent
- (i) deskrizzjoni tal-proċess biex jittejjeb id-disinn tar-rotot;
 - (ii) l-effiċjenza medja ta' titjira orizzontali *en route* tat-trajettorja effettiva.
- (c) Kapaċità
- (i) minuti ta' dewmien tal-AFTM *en route* għal kull titjira;
 - (ii) minuti ta' dewmien medju tal-ATFM tal-wasla fit-terminal għal kull titjira;
 - (iii) il-pjan tal-kapaċità stabbilit mill-fornitur/i tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru.
- (d) Kosteffiċjenza
- (i) L-ispejjeż iddeterminati għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru *en route* u fit-terminal iffissati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(2)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 u b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 għal kull sena tal-perjodu ta' referenza;
 - (ii) unitajiet tas-servizzi *en route* u fit-terminal previsti għal kull sena tal-perjodu ta' referenza;
 - (iii) konsegwentement, spejjeż iddeterminati ta' unità għall-perjodu ta' referenza;
 - (iv) deskrizzjoni u ġustifikazzjoni tal-qligħ fuq l-ekwità tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru kkonċernati, kif ukoll dwar il-proporzjon ta' ingranaġġ u dwar il-livell/il-kompożizzjoni tal-bażi tal-assi użat għall-kalkolu tal-ispiża tal-kapital inkluża fl-ispejjeż iddeterminati;
 - (v) deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-ammonti riportati mis-snin ta' qabel il-perjodu ta' referenza;
 - (vi) deskrizzjoni ta' suppożizzjonijiet ekonomiċi, inkluż:
 - is-suppożizzjonijiet dwar l-inflazzjoni użati fil-pjan meta mqabbla ma' sors internazzjonali bħall-FMI (il-Fond Monetarju Internazzjonali) mal-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (IPK) għall-previżjonijiet u għall-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet tal-Konsumatur tal-Eurostat għaċ-ċifri reali. Ġustifikazzjoni ta' kwalunkwe devjazzjoni minn dawn is-sorsi;
 - is-suppożizzjonijiet li jsostnu l-kalkolu tal-ispejjeż tal-pensjonijiet magħmula mill-ispejjeż iddeterminati, inkluża deskrizzjoni tar-regolamenti nazzjonali rilevanti tal-pensjonijiet u r-regolamenti dwar il-kontabbiltà tal-pensjonijiet fis-seħħ u li fuqhom huma bbażati s-suppożizzjonijiet, kif ukoll informazzjoni dwar jekk humiex antiċipati bidliet f'dawn ir-regolamenti;
 - is-suppożizzjonijiet dwar ir-rata ta' mgħax għas-self li jiffinanzja l-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, inkluż taqrib rilevanti dwar is-self (ammonti, tul ta' żmien, eċċ.) u s-spjegazzjoni għall-medja (peżata) tal-mgħax fuq id-dejn użata għall-kalkolu tal-ispiża tal-kapital qabel it-taxxa u l-ispiża tal-kapital inklużi fl-ispejjeż iddeterminati;
 - aġġustamenti li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà;
 - (vii) jekk applikabbli, deskrizzjoni fir-rigward tal-perjodu ta' referenza preċedenti tal-avvenimenti u ċ-ċirkostanzi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 bl-użu tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 inkluża valutazzjoni tal-livell, tal-kompożizzjoni u tal-ġustifikazzjoni tal-ispejjeż eżenti mill-applikazzjoni tal-Artikoli 14(1)(a) u 14(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013;
 - (viii) jekk applikabbli, deskrizzjoni ta' kwalunkwe ristrutturar sinifikanti ppjanat matul il-perjodu ta' referenza inkluż il-livell tal-ispejjeż ta' ristrutturar u l-ġustifikazzjoni għal dawn l-ispejjeż b'rabta mal-benefiċċji netti għall-utenti tal-ispazju tal-ajru matul iż-żmien;
 - (ix) jekk applikabbli, l-ispejjeż tar-ristrutturar approvati minn perjodi ta' referenza preċedenti li għandhom jiġu rkuprati.
- 3.2. Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha. Meta ma hemm l-ebda mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-miri fi ħdan il-pjan u kif jikkontribwixxu għat-titjib tal-prestazzjoni tan-netwerk Ewropew tal-ATM.
- 3.3. Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-interdipendenzi u l-kompromessi bejn oqsma ta' prestazzjoni ewlenin, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-valutazzjoni tal-kompromessi.
- 3.4. Kontribut ta' kull fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru kkonċernat għall-kisba tal-miri ta' prestazzjoni ffissati għall-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru skont l-Artikolu 5(2)(c)(ii).

4. SKEMI TA' INĊENTIVI

- 4.1. Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-iskemi ta' inċentivi li għandhom jiġu applikati fuq il-fornituri tas-servizzi tan-avi-gazzjoni tal-ajru.

5. DIMENSIJONI MILITARI TAL-PJAN

Deskrizzjoni tad-dimensjoni ċivili/militari tal-pjan, li tiddeskrivi l-prestazzjoni tal-applikazzjoni tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru (FUA) sabiex titkabbar il-kapaċità filwaqt li titqies kif xieraq l-effettività tal-operazzjonijiet militari u, jekk jitqies li jkun xieraq, l-indikaturi u l-miri ta' prestazzjoni rilevanti li huma konsistenti mal-indikaturi u mal-miri tal-pjan ta' prestazzjoni

6. ANALIŻI TAS-SENSITTIVITÀ U TQABBIL MAL-PJAN TA' PRESTAZZJONI TA' QABEL

- 6.1. Sensittività għas-suppożizzjonijiet esterni.
- 6.2. Tqabbil mal-pjan ta' prestazzjoni preċedenti.

7. IMPLIMENTAZZJONI TAL-PJAN TA' PRESTAZZJONI

Deskrizzjoni tal-miżuri stabbiliti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali sabiex jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni, bħal:

- (i) mekkaniżmi ta' monitoraġġ sabiex ikun żgurat li l-programmi għas-sikurezza u l-pjanijiet tan-negozju tas-Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru (Air Navigation Services - ANS) jiġu implimentati;
- (ii) miżuri sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u jsiru rapporti dwarha, inklużi miżuri dwar kif wieħed għandu jindirizza s-sitwazzjoni jekk il-miri ma jintlaħqux matul il-perjodu ta' referenza.

ANNEX III

MUDELL TAL-PJAN GĦALL-PRESTAZZJONI TAN-NETWERK

Il-pjan ta' prestazzjoni għall-Maniġer tan-Netwerk għandu jkun ibbażat fuq l-istruttura li ġejja:

1. INTRODUZZJONI

- 1.1. Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni (il-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan, il-funzjonijiet koperti, eċċ.)
- 1.2. Deskrizzjoni tax-xenarju makroekonomiku għall-perjodu ta' referenza, inklużi s-suppożizzjonijiet ġenerali (il-previżjonijiet tat-traffiku, eċċ.)
- 1.3. Deskrizzjoni tal-konsistenza mal-Pjan Strateġiku għan-Netwerk
- 1.4. Deskrizzjoni tal-eżitu tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati sabiex jitħejja l-pjan ta' prestazzjoni (il-kwistjonijiet ewlenin li qajmu l-parteċipanti u, jekk ikun possibbli, il-kompromessi miftehna)

2. MIRI TAL-PRESTAZZJONI

- 2.1. Deskrizzjoni ta' indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin f'kull qasam ta' prestazzjoni ewleni rilevanti
- 2.2. Miri ta' prestazzjoni f'kull qasam ta' prestazzjoni ewleni rilevanti, iffissati b'referenza għal kull indikatur ta' prestazzjoni ewleni li jkun rilevanti, għall-perjodu ta' referenza kollu, u b'valuri annwali li għandhom jintużaw għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' inċentivi
- 2.3. Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-kontribut tal-miri ta' prestazzjoni tal-Maniġer tan-Netwerk għall-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha u tal-impatt tagħhom fuqhom
- 2.4. Deskrizzjoni tal-kontribut u l-impatt tal-miri ta' prestazzjoni fuq il-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru

3. KONTRIBUT TA' KULL FUNZJONI

- 3.1. Miri ta' prestazzjoni individwali għal kull funzjoni (il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru/ATFM, id-Disinn tan-Netwerk Ewropew tar-Rotot (European Route Network Design - ERND), il-kodiċijiet tat-transponders SSR u l-frekwenzi)

4. DIMENSIJONI MILITARI

- 4.1. Deskrizzjoni tad-dimensjoni ċivili/militari tal-pjan, li tiddeskrivi l-prestazzjoni tal-applikazzjoni tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru sabiex titkabbar il-kapaċità filwaqt li titqies kif xieraq l-effettività tal-operazzjonijiet militari u, jekk jitqies li jkun xieraq, l-indikaturi u l-miri ta' prestazzjoni rilevanti li huma konsistenti mal-indikaturi u mal-miri tal-pjan ta' prestazzjoni

5. ANALIŻI TAS-SENSITTIVITÀ U TQABBIL MAL-PJAN TA' PRESTAZZJONI TA' QABEL

- 5.1. Sensittività għas-suppożizzjonijiet esterni
- 5.2. Tqabbil mal-pjan ta' prestazzjoni preċedenti

6. IMPLIMENTAZZJONI TAL-PJAN TA' PRESTAZZJONI

- 6.1. Deskrizzjoni tal-miżuri stabbiliti sabiex jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni, bħal:
 - mekkaniżmi ta' monitoraġġ sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet ta' sikurezza u l-pjanijiet tan-negozju jiġu implimentati
 - miżuri sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u jsiru rapporti dwarha, inklużi miżuri dwar kif wieħed għandu jindirizza s-sitwazzjoni jekk il-miri ma jintlaħqux matul il-perjodu ta' referenza.

ANNEX IV

IL-PRINĊIPI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-PJANIJET U L-MIRI TA' PRESTAZZJONI

Il-Kummissjoni għandha tuża l-kriterji ta' evalwazzjoni li ġejjin:

1. KRITERJI ĠENERALI

- (a) Il-konformità mar-rekwiżiti relatati mal-preparazzjoni u mal-adozzjoni tal-pjan ta' prestazzjoni u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-ġustifikazzjonijiet ipprovduti fil-pjan ta' prestazzjoni;
- (b) Analiżi fattwali li tikkunsidra s-sitwazzjoni ġenerali ta' kull Stat individwali inkluż l-aktar żviluppi ekonomiċi riċenti u l-previżjoni tat-traffiku;
- (c) Il-livell ta' prestazzjoni fil-bidu tal-perjodu ta' referenza u l-marġini li jirriżulta għal iktar titjib;
- (d) Il-livell ta' prestazzjoni milħuq fil-perjodu ta' referenza preċedenti;
- (e) Ir-rilevanza ta' investimenti u ta' nfiq kapitali fir-rigward tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM (ATM), il-proġetti komuni msemmija fl-Artikolu 15a tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, u, kif xieraq, il-Pjan Strateġiku għan-Netwerk kif ukoll is-sinerġiji miksuba fil-livell tal-blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru jew fil-livell reġjonali;
- (f) Ir-riżultati tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati dwar il-miri proposti.

2. SIKUREZZA

- (a) Tqabbil tal-livell tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza fil-livell lokali mal-mira għall-Unjoni kollha;
- (b) Tqabbil tar-riżultati tal-applikazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-severità bbażata fuq il-metodoloġija tal-Ghodka għall-Analiżi tar-Riskji (RAT) fil-livell lokali mal-mira għall-Unjoni kollha;
- (c) Il-livell ta' preżenza ta' kultura ġusta fil-livell lokali.

3. AMBJENT

L-effiċjenza medja ta' titjira orizzontali *en route* tat-trajettorja effettiva:

- (d) tqabbil mal-prestazzjoni storika miksuba matul is-snin preċedenti;
- (e) tqabbil ma' valur ta' referenza, fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Maniġer tan-Netwerk;
- (f) konsistenza mal-Pjan ta' Titjib tan-Netwerk Ewropew tar-Rotot żviluppat mill-Maniġer tan-Netwerk.

4. KAPAĊITÀ

Il-livell ta' dewmien *en route*. Tqabbil tal-livell mistenni tad-dewmien tal-AFTM *en route* li ntuża fil-pjanijiet ta' prestazzjoni ma':

- (a) valur ta' referenza bbażat fuq informazzjoni mill-Pjan Operattiv tan-Netwerk tal-Maniġer tan-Netwerk;
- (b) il-pjan ta' kapaċità stabbilit mill-fornitur/i tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru *en route* kif rifless fil-Pjan Operattiv tan-Netwerk tal-Maniġer tan-Netwerk.

Dewmien medju tal-AFTM tal-wasla fil-livell nazzjonali. Valutazzjoni tal-ġustifikazzjoni pprovduta fil-pjanijiet ta' prestazzjoni u, b'mod partikolari:

- (a) tqabbil mal-prestazzjoni storika miksuba fl-aħħar ħames snin;
- (b) kontribut tal-ajruporti individwali għall-mira lokali u tqabbil tal-prestazzjoni ma' ajruporti oħra simili;
- (c) benefiċċji operattivi mistennija minn inizjattivi pplanati.

5. KOSTEFFIĊJENZA

- (a) Xejra tal-ispiża ddeterminata ta' unità: Valutazzjoni dwar jekk l-ispejjeż iddeterminati ta' unità ppreżentati humiex mistennija li jiżviluppaw skont mira tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha u jekk jagħtux kontribut adegwat sabiex tintlaħaq dik il-mira matul il-perjodu ta' referenza kollu kif ukoll għall kull sena individwalment, filwaqt li tqis l-ispejjeż tar-ristrutturar kif xieraq;

- (b) Xejra tal-ispiża ta' unità tat-terminal: valutazzjoni dwar jekk l-ispejjeż ddeterminati ta' unità ppreżentati humiex mistennija li jiżviluppaw skont mira tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha u jekk jagħtux kontribut adegwat sabiex tintlaħaq dik il-mira matul il-perjodu ta' referenza kollu kif ukoll għall kull sena individwalment. Barra minn hekk, għall-valutazzjoni jintużaw il-kriterji li ġejjin:
- (i) il-konsistenza mal-iżvilupp ta' spejjeż iddeterminati għal kull unità *en route*, li jqis l-elementi komuni kollha bejn dawn l-ispejjeż;
 - (ii) il-konsistenza mas-suppożizzjonijiet użati għall-iffissar tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* (bħal inflazzjoni, suppożizzjonijiet ekonomiċi, xejriet tat-traffiku)
 - (iii) l-isforzi ppjanati mqabbla max-xejriet tal-ispiża storika għall-ANS tat-terminal;
 - (iv) ix-xejriet tal-ispejjeż iddeterminati kumplessivi ta' ANS gate-to-gate;
 - (v) deskrizzjoni u ġustifikazzjoni ta' kull bidla fl-allokazzjoni tal-ispejjeż bejn ANS *en route* u tat-terminal, kif imqabbel mal-perjodu ta' referenza preċedenti kif ukoll matul il-perjodu ta' referenza attwali; kif ukoll
 - (vi) kwalunkwe ċirkostanza lokali partikolari;
- (c) Il-livell tal-ispiża ddeterminata ta' unità: Tqabbil tal-ispejjeż ta' unità lokali ppreżentati mal-ispejjeż ta' unità medji tal-Istati Membri jew tal-FABs b'ambjent operattiv u ekonomiku simili, kif definit mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(5);
- (d) Spiża tal-kapital
- (i) il-livell/il-kompożizzjoni tal-bażi tal-assi użata għall-kalkolu tal-ispiża tal-kapital;
 - (ii) l-ispiża tal-kapital qabel it-taxxa inklużi r-rata tal-imgħax fuq id-dejn u l-qligħ fuq l-ekwità; kif ukoll
 - (iii) il-qligħ fuq l-ekwità tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru;
- (e) Il-livell/il-kompożizzjoni tal-ispejjeż imġarrba skont l-Artikolu 6(2)(a) u (b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 u inklużi fl-ispejjeż iddeterminati;
- (f) Suppożizzjonijiet dwar il-previżjonijiet tat-traffiku: tqabbil tal-previżjonijiet tal-unitajiet tas-servizzi lokali li ntużaw fil-pjan ta' prestazzjoni mal-previżjonijiet tat-traffiku tal-Eurocontrol Statistics and Forecast Service (STATFOR) li jsiru disponibbli tliet xhur qabel is-sottomissjoni tal-pjan ta' prestazzjoni;
- (g) Suppożizzjonijiet ekonomiċi:
- (i) Verifika li s-suppożizzjonijiet dwar l-inflazzjoni li ntużaw fil-pjan ta' prestazzjoni huma konformi mal-previżjoni u l-verifika tar-referenza CPI dwar il-ġustifikazzjonijiet mogħtija għal xi devjazzjonijiet;
 - (ii) Verifika tad-deskrizzjoni u ġustifikazzjoni tas-suppożizzjonijiet sottostanti tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-pensjonijiet inkluż fl-ispejjeż iddeterminati;
 - (iii) Verifika tad-deskrizzjoni tar-regolamenti nazzjonali rilevanti tal-pensjonijiet u r-regolamenti dwar il-kontabbiltà tal-pensjonijiet fis-seħħ u li fuqhom huma bbażati s-suppożizzjonijiet dwar il-pensjoni;
 - (iv) Verifika tad-deskrizzjoni u ġustifikazzjoni tas-suppożizzjonijiet dwar ir-rata ta' mgħax għas-self li jiffinanzja l-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, inkluż tagħrif rilevanti fuq is-self (ammonti, tul ta' żmien, eċċ.) u r-rikonċiljazzjoni mal-medja (peżata) tal-imgħax fuq id-dejn użat għall-kalkolu tal-ispiża tal-kapital qabel it-taxxa u l-ispiża tal-kapital inklużi fl-ispejjeż iddeterminati;
 - (v) Verifika tad-deskrizzjoni u ġustifikazzjoni ta' aġġustamenti possibbli li jmoru lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.
- (h) Il-livell, il-kompożizzjoni u l-ġustifikazzjoni tal-ispejjeż eżenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1)(a) u (b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013;
- (i) Jekk applikabbli, mat-tlestija tar-ristrutturar, it-twassil ta' benefiċċju nett lill-utenti tal-ispazu tal-ajru matul iż-żmien imqabbla ma' ammonti rkuprati ta' spejjeż ta' ristrutturar.

ANNEX V

LISTA TAD-DEJTA LI GĦANDHA TKUN IPPROVDUTA GĦALL-FINI TA' DAN IR-REGOLAMENT

Għall-fini tal-analiżi tal-prestazzjoni, id-dejta li ġejja għandha tiġi provduta jew issir disponibbli:

1. MILL-AWTORITAJIET SUPERVIŻORJI NAZZJONALI**1.1. Speċifikazzjoni tas-sett ta' dejta**

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jipprovdu d-dejta li ġejja:

(a) l-informazzjoni meħtieġa biex jikkonformaw mal-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin tas-sikurezza msemmija fl-Anness I;

Barra minn hekk, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiżguraw li d-dejta li ġejja tkun disponibbli:

(b) id-dejta użata u kkalkulata mill-unità ċentrali tal-Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru (Air Traffic Flow Management - ATFM) kif definita fir-Regolament (UE) Nru 255/2010 dwar il-Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru bħalma huma pjanijiet ta' titjir għal traffiku tal-ajru ġenerali skont ir-regoli tat-titjir bl-istrumenti (IFR), rotot effettivi, dejta ta' sorveljanza bbażata fuq intervall ta' rappurtar ta' 30 sekonda, dewmien tal-ATFM *en route* u fl-ajruport, eżenzjonijiet minn miżuri ATFM, ħarsien ta' slots tal-ATFM, frekwenza fl-użu kondizzjonali ta' rotot;

(c) L-okkorrenzi tas-sikurezza relatati mal-ATM;

(d) L-informazzjoni dwar rakkomandazzjonijiet għas-sikurezza u azzjonijiet korrettivi li ttieħdu fuq il-bażi tal-analiżi/tal-investigazzjoni tal-inċidenti relatati mal-ATM skont ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ dwar l-investigazzjoni ta' aċċidenti u d-Direttiva 2003/42/KE ⁽²⁾ dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili;

(e) l-informazzjoni dwar l-elementi stabbiliti sabiex jippromwovu l-applikazzjoni ta' kultura ġusta;

(f) id-dejta b'appoġġ għall-kompiti msemmija fl-Artikolu 4(1)(m) u (n) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005 li jistabbilixxi regoli komuni għall-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru (FUA) ⁽³⁾;

(g) id-dejta b'appoġġ għall-kompiti msemmija fil-paragrafu 8 tal-Anness V tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM).

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiżguraw li l-użu ta' lista komuni ta' fatturi kawżali/kontribwenti għall-analiżi tal-okkorrenza huwa obligatorju.

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiġbru u jagħmlu disponibbli dan li ġej:

(h) l-informazzjoni miġbura mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru permezz ta' sistemi awtomatizzati ta' reġistrazzjoni tad-dejta tas-sikurezza fejn disponibbli;

(i) ix-xejriet, bħala minimu, fil-ksur tas-separazzjoni minima, fl-inkursjonijiet fuq ir-runway, fil-ksur tal-ispazju tal-ajru u fl-okkorrenzi speċifiċi mal-ATM f'kull unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;

(j) l-informazzjoni dwar kif jiġi applikat il-kunċett FUA mill-awtoritajiet nazzjonali/tal-FAB sabiex jipprovdu l-aħjar benefiċċju kemm għall-utenti tal-ispazju tal-ajru ċivili kif ukoll dawk tal-ispazju tal-ajru militari.

1.2. Frekwenza u skadenzi għall-forniment tad-dejta

Id-dejta msemmija fil-punti 1.1(a), (c), (d), (e), (f), (h) u (i) għandha tkun ipprovduta fuq bażi annwali. Qabel l-1 ta' Frar ta' kull sena, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jirrapportaw lill-EASA l-kejl annwali tal-kwestjonarji dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza (il-punt 1.1(a)) u tal-kultura ġusta (il-punt 1.1(e)) għas-sena preċedenti. Jekk ikun hemm xi bidliet fil-kejl annwali tal-KPIs, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jippreżentaw dawk il-bidliet qabel id-data meta jkun mistenni r-rapport annwali li jmiss.

Id-dejta msemmija fil-punti 1.1(b), u (g) għandha tkun disponibbli fuq il-bażi ta' kull xahar.

Qabel l-1 ta' Frar ta' kull sena, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jissottomettu s'ohar annwali dwar l-applikazzjoni tal-kunċett FUA, kif msemmi fil-punt 1.1 (j), għas-sena preċedenti.

⁽¹⁾ ĠU L 319, 12.12.1994, p. 14.

⁽²⁾ ĠU L 167, 4.7.2003, p. 23.

⁽³⁾ ĠU L 342, 24.12.2005, p. 20.

2. MILL-FORNITURI TAS-SERVIZZI TAN-NAVIGAZZJONI TAL-AJRU

Din it-Taqsima tapplika għall-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru li jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 1(2). F'każijiet individwali, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jinkludu l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru li jinsabu taħt il-limitu tal-Artikolu 1(3). Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont dan.

2.1. Speċifikazzjoni tas-sett ta' dejta

Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandhom jagħmlu disponibbli dan li ġej:

- (a) id-dejta msemmija fl-Ispeċifikazzjoni tal-Eurocontrol intitolata "EUROCONTROL Specification for Economic Information Disclosure", Edizzjoni 2.6 tal-31 ta' Diċembru 2008 bir-referenza għall-EUROCONTROL-SPEC-0117 għall-forniment ta' dejta sa, u inkluż, is-sena 2013, u l-Edizzjoni 3.0 tal-4 ta' Diċembru 2012 mis-sena mill-2014 'il quddiem;
- (b) ir-rapporti annwali u l-parti relatata mal-prestazzjoni tal-pjanijiet tan-negozju u tal-pjan annwali stabbiliti mill-fornitur ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru skont it-taqsima 2.2 u 9 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1035/2011;
- (c) il-pjan ta' investiment tagħhom għall-perjodu ta' referenza;
- (d) l-informazzjoni mitluba għall-konformità mal-KPI tas-sikurezza msemmi fil-punt 1.1(a) tat-Taqsima 2 tal-Anness I;
- (e) l-informazzjoni dwar l-elementi stabbiliti sabiex jippromwovu l-applikazzjoni ta' kultura ġusta;

Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandhom jiġbru u jipprovdu d-dejta li ġejja:

- (f) l-informazzjoni miġbura permezz ta' sistemi awtomatizzati ta' reġistrazzjoni tad-dejta tas-sikurezza, fejn disponibbli.
- (g) ix-xejriet, bħala minimu, fil-ksur tas-separazzjoni minima, fl-inkursjonijiet fuq ir-runway, fil-ksur tal-ispazju tal-ajru u fl-okkorrenzi speċifiċi mal-ATM f'kull unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

2.2. Frekwenza u skadenzi għall-forniment tad-dejta

Id-dejta għas-sena n imsemmija fil-punt 2.1 (a) għandha tkun ipprovduta fuq bażi annwali qabel il-15 ta' Lulju tas-sena n + 1, ħlief għad-dejta pproġettata li għandha tkun ipprovduta sal-1 ta' Novembru tas-sena n + 1.

Id-dejta msemmija fil-punti 2.1(b), (c), (d), (e), u (f) għandha tkun ipprovduta fuq bażi annwali.

Qabel l-1 ta' Frar ta' kull sena, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jirrapportaw lill-EASA l-kejl annwali tal-kwestjonarji dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza (il-punt 1.1(d)) u tal-kultura ġusta (il-punt 1.1(e)), għas-sena preċedenti. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jippreżentaw kwalunkwe bidla li sseħħ fil-kejl annwali tal-KPIs qabel id-data meta jkun mistenni r-rapport annwali li jmiss.

Id-dejta msemmija fil-punt 2.1(g), għandha tkun ipprovduta fuq bażi annwali.

3. MILL-OPERATORI TAL-AJRUPORTI

Din it-taqsima tapplika għall-operaturi tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

3.1. Definizjonijiet

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-fini ta' dan l-Anness speċifiku:

- (a) "identifikazzjoni tal-ajruport" tfisser id-deskrizzjoni tal-ajruport billi jintuża l-kodiċi standard ta' erba' ittri tal-ICAO kif ġie ddefinit fid-Dok. 7910 tal-ICAO;
- (b) "parametri ta' koordinazzjoni" tfisser il-parametri ta' koordinazzjoni ddefiniti fir-Regolament (KEE) Nru 95/93;
- (c) "kapaċità ddikjarata tal-ajruport" tfisser il-parametri ta' koordinazzjoni espressi bħala l-għadd massimu ta' slots għal kull unità ta' ħin (perjodu ta' blokk) li jista' jkun allokat mill-koordinatur;
- (d) "reġistrazzjoni ta' inġenju tal-ajru" tfisser il-karattri alfanumeriċi li jikkorrispondu għar-reġistrazzjoni effettiva tal-inġenju tal-ajru;
- (e) "tip ta' inġenju tal-ajru" tfisser deżinjatur tat-tip tal-inġenju tal-ajru (sa erba' karattri) kif indikat fid-Dok 8643 tal-ICAO;
- (f) "identifikatur tat-titjira" tfisser grupp ta' karattri alfanumeriċi li jintużaw biex jidentifikaw titjira. Il-punt 7 tal-pjan ta' titjira tal-ICAO;

- (g) “ajrudrom tat-tluq ikkodifikat” u “ajrudrom tad-destinazzjoni kkodifikat” ifissru l-kodiċi tal-ajruport li juża d-deżinjatur tal-ajruporti b'erba' ittri tal-ICAO jew bi tliet ittri tal-IATA;
- (h) “Reġistrazzjoni tal-ħinijiet out-off-on-in” tfisser id-dejta li ġejja,
- (i) ħin effettiv off-block,
 - (ii) ħin effettiv tat-tluq,
 - (iii) ħin effettiv tal-inżul,
 - (iv) ħin effettiv on-block;
- (i) “ħin skedat tat-tluq (off-block)” tfisser id-data u l-ħin meta titjira tkun skedata li se titlaq mill-istand tat-tluq;
- (j) “ħin effettiv off-block” tfisser id-data u l-ħin meta l-inġenju tal-ajru jkun ħareġ mill-pożizzjoni tal-ipparkjar (imbuttata lura permezz ta' mezzi esterni jew bl-enerġija tiegħu stess);
- (k) “ħin effettiv tat-tluq” tfisser id-data u l-ħin meta inġenju tal-ajru ħalla r-runway (wheels up);
- (l) “ħin effettiv tal-inżul” tfisser id-data u l-ħin meta l-inġenju tal-ajru niżel (touch down);
- (m) “ħin skedat tal-wasla (on-block)” tfisser id-data u l-ħin meta titjira tkun skedata li tasal fl-istand tal-wasla;
- (n) “ħin effettiv on-block (actual on-block time)” tfisser id-data u l-ħin meta l-brejkijiet tal-ipparkjar ġew attivati fl-istand tal-wasla;
- (o) “regoli tat-titjir” tfisser ir-regoli użati sabiex titmexxa t-titjira. “IFR” għall-inġenji tal-ajru li jtiru skont ir-regoli tat-titjir bl-istrumenti kif definit fl-Anness 2 tal-Konvenzjoni ta' Chicago jew “VFR” għall-inġenji tal-ajru li jtiru skont ir-regoli tat-titjir viżwali kif ġew iddefiniti fl-istess Anness. “Traffiku tal-Ajru Operazzjonali (Operational Air Traffic - OAT)” tirreferi għal inġenji tal-ajru Statali li ma jsegwux ir-regoli definiti fl-Anness 2 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Il-punt 8 tal-pjan ta' titjira tal-ICAO;
- (p) “tip ta' titjira” tfisser it-tip ta' titjira kif definita fl-Appendiċi 2 tad-Dok. 4444 tal-ICAO (il-15-il edizzjoni – Ġunju 2007);
- (q) “slot tal-wasla fl-ajruport” u “slot tat-tluq fl-ajruport” tfisser slot assenjat f'ajruport lil titjira li se tasal jew lil titjira li se titlaq kif ġiet iddefinita fir-Regolament (KEE) Nru 95/93;
- (r) “deżinjatur tar-runway tal-wasla” u “deżinjatur tar-runway tat-tluq” ifissru d-deżinjatur tal-ICAO tar-runway li ntuzja għat-tluq (pereż. 10L);
- (s) “stand tal-wasla” tfisser id-deżinjatur tal-ewwel pożizzjoni ta' pparkjar fejn l-inġenju tal-ajru kien ipparkjat hekk kif wasal;
- (t) “stand tat-tluq” tfisser id-deżinjatur tal-aħħar pożizzjoni ta' pparkjar fejn l-inġenju tal-ajru kien ipparkjat qabel it-tluq mill-ajruport;
- (u) “kawżi ta' dewmien” tfisser il-kodiċijiet standard tad-dewmien tal-IATA kif ġew iddefiniti fit-taqsimha F tal-CODA Digest Annual 2011 ‘Delays to Air Transport in Europe’⁽¹⁾ bit-tul tad-dewmien. Fejn bosta kawżi jistgħu jiġu attribwiti għad-dewmien tat-titjira, għandha tkun ipprovduta lista ta' dawn il-kawżi;
- (v) “informazzjoni dwar it-tneħħija tas-silġ jew kontra s-silġ” tfisser indikazzjoni jekk kienx hemm operazzjonijiet ta' tneħħija tas-silġ jew ta' kontra s-silġ u jekk iva, fejn (qabel ma l-inġenju tal-ajru ħalla l-istand tat-tluq jew f'pożizzjoni l bogħod wara t-tluq mill-istand, jiġifieri wara l-off-block);
- (w) “kanċellazzjoni operattiva” tfisser titjira skedata li tasal jew li titlaq li fir-rigward tagħha japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (i) it-titjira nġhatat slot fl-ajruport, u

⁽¹⁾ <http://www.eurocontrol.int/documents/coda-digest-annual-2011>

(ii) it-titjira kienet ikkonfermata mit-trasportatur tal-ajru l-jum qabel l-operazzjonijiet u/jew kienet inkluża fil-lista ta' kuljum tal-iskedi tat-tijriet prodotta mill-operatur tal-ajruport il-jum qabel l-operazzjonijiet, imma

(iii) l-inżul effettiv jew it-tluq effettiv qatt ma seħħ.

(x) "ħin effettiv ta' kanċellazzjoni" tfisser id-data u l-ħin effettivi meta wasla jew tluq ta' titjira skedata ġie kkanċellat.

3.2. Speċifikazzjoni tas-sett ta' dejta

3.2.1. L-operaturi tal-ajruporti għandhom jipprovdu d-dejta li ġejja:

- (a) l-identifikazzjoni tal-ajruport,
- (b) il-kapaċità ddikjarata tal-ajruport,
- (c) il-parametri ta' koordinazzjoni kollha rilevanti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru,
- (d) il-livell ippjanat tal-kwalità tas-servizz (dewmien, puntwalità, eċċ.) assoċjat mad-dikjarazzjoni tal-kapaċità tal-ajruport, meta tkun stabbilita,
- (e) deskrizzjoni dettaljata tal-indikaturi, meta jkunu stabbiliti, li jintużaw sabiex jiġi stabbilit il-livell ippjanat tal-kwalità tas-servizz.

3.2.2. L-operaturi tal-ajruporti għandhom jipprovdu d-dejta operattiva li ġejja għal kull inżul jew tluq ta' titjira:

- (a) ir-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru,
- (b) it-tip ta' inġenju tal-ajru,
- (c) l-identifikatur tat-titjira,
- (d) l-ajrudrom tat-tluq ikkodifikat u l-ajrudrom tad-destinazzjoni ikkodifikat,
- (e) il-ħin skedat tat-tluq (off-block),
- (f) il-ħin skedat tal-wasla (on-block),
- (g) ir-reġistrazzjoni tal-ħinijiet out-off-on-in,
- (h) ir-regoli tat-titjir u t-tip ta' titjira,
- (i) l-slots tal-wasla fl-ajruport u tat-tluq mill-ajruport, fejn disponibbli,
- (j) id-deżinjatur tar-runway tal-wasla u tat-tluq,
- (k) l-istand tal-wasla u tat-tluq,
- (l) il-kawżi tad-dewmien, fejn disponibbli (għat-titjiriet li se jtilqu biss),
- (m) l-informazzjoni dwar it-tneħħija tas-silġ jew kontra s-silġ, fejn disponibbli.

3.2.3. L-operaturi tal-ajruporti għandhom jipprovdu d-dejta operattiva li ġejja għal kull kanċellazzjoni operattiva:

- (a) l-identifikatur tat-titjira,
- (b) it-tip ta' inġenju tal-ajru,
- (c) il-ħin skedat tat-tluq (off-block),
- (d) il-ħin skedat tal-wasla (on-block),
- (e) l-ajruport skedat tat-tluq u dak tad-destinazzjoni,
- (f) l-slots tal-wasla fl-ajruport u tat-tluq mill-ajruport, fejn disponibbli,
- (g) ir-raġuni għall-kanċellazzjoni,
- (h) il-ħin effettiv ta' kanċellazzjoni.

3.2.4. L-operaturi tal-ajruporti jistgħu jipprovdu:

- (a) rapporti fuq bażi volontarja dwar id-degradazzjoni jew id-disturbi tal-ANS fl-ajruporti,
- (b) rapporti fuq bażi volontarja dwar okkorrenzi tas-sikurezza tal-ANS,
- (c) rapporti fuq bażi volontarja dwar nuqqasijiet fil-kapaċità tat-terminali,

- (d) rapporti fuq bażi volontarja dwar laqgħat ta' konsultazzjoni mal-ANSPs u mal-Istati.
- 3.2.5. L-operaturi tal-ajruporti għandhom bħala minimu jiġbru u jipprovdu informazzjoni miġbura permezz ta' sistemi awtomatizzati ta' reġistrazzjoni tad-dejta tas-sikurezza, fejn disponibbli, dwar l-inkursjonijiet fuq ir-runway.
- 3.3. **Frekwenza u skadenzi għall-forniment tad-dejta**
- Id-dejta msemmija fil-punt 3.2.1 għandha tkun ipprovduta darbtejn fis-sena, skont il-medda ta' żmien stabbilita fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 95/93.
- Meta d-dejta msemmija fil-punti 3.2.2 u 3.2.3 tkun ipprovduta, din għandha tkun ipprovduta fuq bażi ta' kull xahar fi żmien xahar wara t-tmiem tax-xahar tat-titjira.
- Meta d-dejta msemmija fil-punt 3.2.4 tkun ipprovduta, din għandha tkun ipprovduta fuq bażi annwali.
- Ir-rapporti msemmija fil-punt 3.2.4 jistgħu jkunu pprovduti fi kwalunkwe żmien.
4. MILL-KOORDINATURI TAL-AJRUPORTI
- 4.1. **Speċifikazzjoni tas-sett ta' dejta**
- Il-koordinaturi tal-ajruporti għandhom jipprovdu d-dejta msemmija fl-Artikolu 4(8) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93.
- 4.2. **Frekwenza u skadenzi għall-forniment tad-dejta**
- Id-dejta għandha tkun disponibbli darbtejn fis-sena, skont il-medda ta' żmien stabbilita fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 95/93.
5. MILL-OPERATURI TAT-TRASPORT BL-AJRU
- Din it-Taqsima tapplika għall-operaturi tat-trasport bl-ajru li joperaw aktar minn 35 000 titjira fis-sena fl-ispazju tal-ajru Ewropew, kkalkulati bħala l-medja tul it-tliet snin preċedenti.
- 5.1. **Definizzjonijiet**
- 5.1.1. L-istess definizzjonijiet bħal fil-punt 3.1 għandhom japplikaw għall-fini ta' dan l-Anness speċifiku u barra minn hekk għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (a) "ħruq tal-fjuwil (fuel burn)" tfisser il-kwantità effettiva ta' fjuwil li nħaraq matul it-titjira (gate-to-gate);
- (b) "piż effettiv tar-rampa (actual ramp weight)" tfisser it-tunnellati metriċi effettivi ta' inġenju tal-ajru qabel ma l-magna tiġi startjata.
- 5.2. **Speċifikazzjoni tas-sett ta' dejta**
- 5.2.1. L-operaturi tat-trasport bl-ajru għandhom jipprovdu d-dejta li ġeja għal kull titjira li joperaw fl-ambitu ġeografiku ta' dan ir-Regolament:
- (a) ir-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru;
- (b) it-tip tal-inġenju tal-ajru;
- (c) l-identifikatur tat-titjira;
- (d) ir-regoli tat-titjir u t-tip tat-titjira;
- (e) L-ajruport tat-tluq ikkodifikat u l-ajruport tad-destinazzjoni kkodifikat;
- (f) id-deżinjatur tar-runway tal-wasla u tat-tluq; fejn disponibbli;
- (g) l-istand tal-wasla u tat-tluq; fejn disponibbli;
- (h) il-ħin skedat tat-tluq (off-block);
- (i) il-ħin skedat tal-wasla (on-block);
- (j) ir-reġistrazzjoni tal-ħinijiet out-off-on-in, kemm dawk skedati kif ukoll dawk effettivi;
- (k) il-kawżi tad-dewmien;
- (l) l-informazzjoni dwar it-tneħħija tas-silġ jew kontra s-silġ, fejn disponibbli.
- 5.2.2. L-operaturi tat-trasport bl-ajru għandhom jipprovdu d-dejta msemmija fil-punt 3.2.3 għal kull kanċellazzjoni operattiva fl-ambitu ġeografiku ta' dan ir-Regolament.

5.2.3. Minbarra d-dejta pprovduta skont ir-rekwiżiti tal-Parti B tal-Anness IV tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ⁽¹⁾, it-trasportaturi tal-ajru jistgħu jipprovdu lill-Kummissjoni d-dejta li ġeja għal kull titjira li joperaw fl-ambitu ġeografiku ta' dan ir-Regolament:

- (a) il-ħruq tal-fjuwil,
- (b) il-piż effettiv tar-rampa.

5.2.4. L-operaturi tat-trasport bl-ajru jistgħu jipprovdu:

- (a) rapporti fuq bażi volontarja dwar l-aċċess għall-ispazju tal-ajru,
- (b) rapport fuq bażi volontarja dwar id-degradazzjoni jew id-disturbi tal-ANS fl-ajruporti,
- (c) Rapport fuq bażi volontarja dwar okkorrenzi tas-sikurezza tal-ANS,
- (d) rapporti fuq bażi volontarja dwar in-nuqqasijiet fil-kapaċità *en route*, l-impożizzjoni ta' limiti fil-livelli jew il-bdil fir-rotot,
- (e) rapporti fuq bażi volontarja dwar laqgħat ta' konsultazzjoni mal-ANSP u mal-Istati.

5.2.5. L-operaturi tat-trasport bl-ajru għandhom bħala minimu jipprovdu informazzjoni miġbura permezz ta' sistemi awtomatizzati ta' reġistrazzjoni tad-dejta tas-sikurezza, fejn disponibbli, dwar il-ksur tas-separazzjoni minima u dwar l-inkursjonijiet fuq ir-runway.

5.3. **Frekwenza tal-forniment tad-dejta**

Id-dejta msemmija fil-punti 5.2.1, 5.2.2 u 5.2.3 għandha tkun ipprovduta fuq bażi ta' darba fix-xahar.

Ir-rapporti msemmija fil-punt 5.2.4 jistgħu jkunu pprovduti fi kwalunkwe żmien.

Id-dejta msemmija fil-punt 5.2.5 għandha tkun ipprovduta fuq bażi annwali.

⁽¹⁾ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.